2024/2589

3.10.2024

Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (2024–2029)

ARTIKOLU 1

Objettiv

L-objettiv ta' dan il-Protokoll huwa li jimplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau ([1]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") billi jispeċifika, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet għall-aċċess tal-bastimenti tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni") għaż-żona tas-sajd tar-Repubblika tal-Guinea-Bissau (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Guinea-Bissau") u d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tas-sħubija dwar is-sajd sostenibbli.

Il-Protokoll għandu jiġi interpretat u applikat fil-kuntest tal-Ftehim u b'mod konsistenti miegħu.

ARTIKOLU 2

Relazzjoni bejn il-Protokoll u ftehimiet u strumenti legali oħra

Il-Protokoll għandu jiġi interpretat u applikat f'konformità:

(a) mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS, United Nations Convention on the Law of the Sea) tal-1982;

(b) mar-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT, International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas) jew ta' organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd rilevanti oħra, bħall-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF, Fishery Committee for the Eastern Central Atlantic);

(c) mal-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ħażniet ta' Ħut tal-1995;

(d) mal-Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli tal-1995 (FAO, Food and Agriculture Organization of the United Nations);

(e) mal-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port tal-2009 (FAO);

(f) mal-pubblikazzjoni tal-2015 tal-FAO Voluntary Guidelines for Securing Sustainable Small-Scale Fisheries in the Context of Food Security and Poverty Eradication (Linji Gwida Volontarji biex jiġi Żgurat is-Sajd Sostenibbli fuq Skala Żgħira fil-Kuntest tas-Sigurtà tal-Ikel u l-Qerda tal-Faqar);

u b'mod konsistenti magħhom.

ARTIKOLU 3

Prinċipji

1. F'konformità mal-prinċipju tat-trasparenza, il-Partijiet għandhom jintrabtu li jippubblikaw u jiskambjaw informazzjoni dwar kwalunkwe ftehim li jippermetti lill-bastimenti barranin jidħlu fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau u dwar l-isforz tas-sajd li jirriżulta, b'mod partikolari l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet li jkunu nħarġu u l-qabdiet li jkunu saru.

2. Il-Partijiet għandhom jintrabtu li jippromwovu sajd responsabbli fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau abbażi tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni. Il-Guinea-Bissau għandha tintrabat li ma tagħtix kundizzjonijiet tekniċi iktar favorevoli minn dawk li jinsabu f'dan il-Protokoll lil flotot barranin oħra li joperaw fiż-żona tas-sajd tagħha u li jkollhom l-istess karatteristiċi u jistadu għall-istess speċijiet. Il-kundizzjonijiet inkwistjoni huma relatati mal-konservazzjoni, mal-isfruttament sostenibbli, mal-iżvilupp u l-ġestjoni tar-riżorsi, u mal-imposti u d-drittijiet relatati mal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd li joperaw fiż-żona tas-sajd tagħha.

3. Fir-rigward tal-istokkijiet ta' ħut transżonali jew l-istokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna, il-Partijiet għandhom iqisu kif xieraq il-valutazzjonijiet xjentifiċi mwettqa fil-livell nazzjonali u reġjonali kif ukoll il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati fil-livell nazzjonali u mill-organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti tal-ġestjoni tas-sajd, biex jiddeterminaw ir-riżorsi aċċessibbli.

([1]) ĠU L 342, 27.12.2007, p. 5.

4. Il-Partijiet għandhom jintrabtu li jiżguraw li dan il-Protokoll jiġi implimentat f'konformità mal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Shubija l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra ([2]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Samoa"), dwar l-elementi essenzjali marbutin mad-drittijiet tal-bniedem, mal-prinċipji demokratiċi u mal-istat tad-dritt, u dwar l-element fundamentali marbut mal-governanza tajba, mal-iżvilupp sostenibbli u mal-ġestjoni ambjentali sostenibbli u soda.

5. Il-kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol tas-sajjieda imbarkati fuq il-bastimenti tal-Unjoni ma jridux ikunu f'kunflitt mal-istrumenti applikabbli għas-sajjieda tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-xogħol (ILO, International Labour Organisation) u tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), b'mod partikolari d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol (1998), kif emendata fl-2022, u l-Konvenzjoni Nru 188 tal-ILO dwar ix-Xogħol fis-Sajd. Dan jinkludi l-ħarsien tal-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt ta' negozjar kollettiv tal-ħaddiema, l-eliminazzjoni tax-xogħol furzat u tat-tħaddim tat-tfal, l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u tax-xogħol, kif ukoll ambjent tax-xogħol sikur u san u kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol deċenti abbord il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni.

6. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu r-ratifika tal-konvenzjonijiet tal-ILO u tal-IMO applikabbli għas-sajjieda. Jintrabtu wkoll li jippromwovu taħriġ adegwat għas-sajjieda, b'mod partikolari dak previst fil-Konvenzjoni Internazzjonali tal-IMO dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd (STCW-F).

7. F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Ftehim, il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau biss jekk ikollhom awtorizzazzjoni tas-sajd maħruġa fil-kuntest ta' dan il-Protokoll kif deskritt fl-Anness tiegħu. Il-ħruġ ta' kwalunkwe liċenzja tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni barra mill-qafas ta' dan il-Protokoll, b'mod partikolari fil-forma ta' liċenzja tas-sajd diretta, għandu jkun ipprojbit.

ARTIKOLU 4

Opportunitajiet tas-sajd

L-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim għandhom jiġu stabbiliti f'konformità ma' dan l-Artikolu:

1. L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu espressi f'termini tal-isforz tas-sajd, abbażi tat-tunnellaġġ gross irreġistrat (GRT, gross registered tonnage) jew abbażi tal-qabdiet totali permissibbli (TAC, total allowable catch), kif speċifikat hawn taħt:

   (a) speċijiet demersali (il-krustaċji, iċ-ċefalopodi u l-ħut) u ħut pelaġiku żgħir:

      (i) bastimenti tat-tkarkir mgħammra bi friża għall-ħut bil-pinen u għaċ-ċefalopodi: 3 500 GRT fis-sena;

      (ii) bastimenti tat-tkarkir mgħammra bi friża għall-gambli: 3 700 GRT fis-sena;

      (iii) bastimenti tat-tkarkir għall-ħut pelaġiku żgħir: 0 tunnellati fis-sena;

   (b) speċijiet migratorji ħafna (l-ispeċijiet imniżżlin fl-Anness I tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar), ħlief il-familja *Alopiidae* u l-familja *Sphyrnidae*, kif ukoll l-ispeċijiet li ġejjin: *Cetorhinus maximus, Rhincodon typus, Carcharodon carcharias, Carcharinus falciformis, Carcharinus longimanus*:

      (i) bastimenti tat-tonn bit-tartaruni mgħammra bi friża u bastimenti tas-sajd bil-konzijiet: 28 bastiment;

      (ii) bastimenti tat-tonn bil-qasab u x-xlief: 13-il bastiment.

2. Il-bastimenti ta' appoġġ għandhom jiġu awtorizzati skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness u f'konformità mar-riżoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-ICCAT.

3. Il-partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għal tranżizzjoni minn sistema ta' ġestjoni tal-isforz għal sistema ta' limitu tal-qbid ibbażata fuq it-TAC, li tkun tista' sseħħ meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tekniċi u legali, li jinvolvi, b'mod partikolari, l-użu effettiv ta' sistema elettronika ta' rappurtar tal-qbid ("ERS", electronic reporting system) u ta' ipproċessar ta' *data* tal-qbid, f'konformità mad-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Anness. Il-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 10 tal-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat Konġunt") għandu jiddeċiedi meta jkunu ġew issodisfati t-termini u l-kundizzjonijiet li jippermettu li din it-tranżizzjoni sseħħ.

4. L-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu għandu japplika skont l-Artikoli 10 u 11.

([2]) ĠU L, 2023/2862, 28.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2023/2862/oj.

ARTIKOLU 5

Durata

Dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu għandhom japplikaw għal perjodu ta' 5 snin li jibda mill-ewwel jum tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 19, sakemm il-Protokoll ma jiġix itterminat kif previst fl-Artikolu 18.

ARTIKOLU 6

Kontribuzzjoni finanzjarja

1. Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll, il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 7 tal-Ftehim għandha tkun ta' EUR 17 000 000 fis-sena.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tinkludi:

(a) ammont annwali ta' EUR 12 500 000 għall-aċċess għar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau; u

(b) ammont speċifiku ta' EUR 4 500 000 fis-sena għall-appoġġ għall-politika settorjali tas-sajd tal-Guinea-Bissau.

3. L-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu għandu japplika skont l-Artikoli 10, 11, 17 u 18.

4. Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja skont il-paragrafu 2, punt (a), għandu jsir mhux aktar tard minn 90 jum mid-data tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll, u fis-snin ta' wara, mhux aktar tard minn 30 jum mid-data tal-anniversarju tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll.

5. L-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau għandu jkollhom il-kompetenza esklużiva li jiddeċiedu kif se tintuża l-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 2, punt (a).

6. Il-pagamenti previsti f'dan l-Artikolu għandhom jitħallsu f'kont uniku tat-Teżor Pubbliku miftuħ mal-Bank Ċentrali tal-Guinea-Bissau u li d-dettalji tiegħu għandhom jitgħaddew kull sena mill-Ministeru responsabbli mis-sajd. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 2, punt (b), maħsuba għall-appoġġ settorjali, għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Guinea-Bissau f'kont pubbliku konġunt tal-Ministeru responsabbli mis-sajd u tal-Ministeru responsabbli mill-finanzi. Kull sena, l-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni Ewropea d-dettalji tal-kontijiet bankarji.

7. Kull komponent tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandu jiddaħħal fil-baġit tal-Istat u għandu jkun soġġett għar-regoli u l-proċeduri tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tal-Guinea-Bissau.

ARTIKOLU 7

Appoġġ settorjali

1. L-appoġġ settorjali fil-qafas ta' dan il-Protokoll għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali għas-sajd u għall-ekonomija l-blu. L-objettiv tiegħu huwa li jkun hemm ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u li jiġi żviluppat is-settur fil-Guinea-Bissau, b'mod partikolari permezz:

— tat-tisħiħ tal-monitoraġġ, tal-kontroll u tas-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd (fosthom permezz tal-istallazzjoni tal-ERS u tat-tħaddim tagħha);

— tat-tisħiħ tal-ġbir u l-ipproċessar tad-*data* għal finijiet xjentifiċi u tal-kapaċità ta' analiżi u ta' valutazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u tas-sajd;

— tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-partijiet involuti fis-settur tas-sajd;

— tal-appoġġ għas-sajd fuq skala żgħira;

— tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali;

— tat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-esportazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-promozzjoni tal-investiment fis-settur;

— tal-iżvilupp tal-infrastrutturi rilevanti għas-sajd;

— tal-appoġġ għall-ekonomija blu u tal-iżvilupp tal-akkwakultura.

2. Sa mhux aktar tard minn 3 xhur wara l-bidu tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll, il-Kumitat Konġunt għandu jaqbel dwar programm settorjali pluriennali u dwar ir-regoli għall-implimentazzjoni tiegħu, b'mod partikulari:

(a) linji gwida annwali u pluriennali għall-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 6(2), il-punt (b);

(b) l-objettivi annwali u pluriennali li għandhom jintlaħqu sabiex jiġi promoss is-sajd sostenibbli u responsabbli, filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet li l-Guinea-Bissau esprimiet fil-politika nazzjonali tas-sajd tagħha jew f'politiki rilevanti oħra, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-appoġġ għas-sajd fuq skala żgħira, mas-sorveljanza, mal-kontroll u mal-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU, illegal, unregulated and unreported), kif ukoll mal-prijoritajiet b'rabta mat-tisħiħ tal-kapaċitajiet xjentifiċi tal-Guinea-Bissau fis-settur tas-sajd;

(c) il-kriterji u l-proċeduri li għandhom jintużaw biex jiġu evalwati r-riżultati miksuba fuq bażi annwali, fosthom, jekk ikun il-każ, l-indikaturi baġitarji u finanzjarji.

3. Kwalunkwe emenda tal-programm settorjali li tiġi proposta trid tiġi approvata mill-Partijiet fil-Kumitat Konġunt.

4. Kull sena, il-Guinea-Bissau għandha tippreżenta rapport u xi dokumenti ta' sostenn dwar il-progress li jkun sar fil-proġetti implimentati permezz tal-appoġġ finanzjarju settorjali, li jiġu eżaminati mill-Kumitat Konġunt. Qabel l-iskadenza ta' dan il-Protokoll, il-Guinea-Bissau għandha tibgħat ukoll rapport finali.

5. L-Unjoni tista' tirrevedi jew tissospendi, parzjalment jew totalment, il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika prevista fl-Artikolu 6(2), il-punt (b), fil-każ tan-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' din il-kontribuzzjoni finanzjarja jew jekk ir-riżultati li jinkisbu ma jkunux konformi mal-ipprogrammar, wara evalwazzjoni mwettqa mill-Kumitat Konġunt. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha terġa' tibda titħallas wara konsultazzjoni u qbil bejn iż-żewġ Partijiet, malli r-riżultati tal-implimentazzjoni jkunu jiġġustifikaw dan.

6. Il-Partijiet għandhom ikomplu jimmonitorjaw l-appoġġ settorjali sakemm il-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika prevista fl-Artikolu 6(2), il-punt (b), tintuża kollha, jekk ikun il-każ wara l-iskadenza ta' dan il-Protokoll. Madankollu, din il-kontribuzzjoni ma tistax titħallas aktar tard minn 6 xhur wara l-iskadenza ta' dan il-Protokoll.

7. Il-partijiet għandhom jiżguraw il-viżibbiltà tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-appoġġ settorjali u tal-assistenza tal-Unjoni fis-sħubija mal-Guinea-Bissau. Din il-viżibbiltà hija waħda mill-objettivi skont dan l-Artikolu.

8. Il-verifiki u l-kontrolli dwar l-użu tal-fondi tal-kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2), il-punt (b), jistgħu jitwettqu mill-korpi tal-awditjar u tal-kontroll ta' kull Parti, inkluż il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi. Dan għandu jinkludi l-aċċess għall-informazzjoni, għad-dokumenti, għas-siti u għall-faċilitajiet tal-benefiċjarji.

ARTIKOLU 8

Kooperazzjoni xjentifika għas-sajd sostenibbli

1. Il-Partijiet għandhom jintrabtu li jippromwovu s-sajd responsabbli u li jiġġieldu kontra s-sajd IUU fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau, abbażi tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni bejn il-flotot differenti li joperaw f'dawn l-ilmijiet u abbażi tal-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u tal-ekosistemi tal-baħar.

2. Fil-perjodu kopert minn dan il-Protokoll, l-Unjoni u l-Guinea-Bissau għandhom jikkooperaw bejniethom biex jimmonitorjaw l-evoluzzjoni tal-istat tar-riżorsi u tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau.

3. Il-Partijiet għandhom jintrabtu li jippromwovu l-ħarsien tar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT u tas-CECAF, kif ukoll il-kooperazzjoni fil-livell sottoreġjonali b'rabta mal-ġestjoni responsabbli tas-sajd, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Kummissjoni Sottoreġjonali tas-Sajd.

4. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt biex jadottaw, jekk ikun meħtieġ u bi ftehim reċiproku, miżuri ġodda favur il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd.

ARTIKOLU 9

Kumitat Xjentifiku Konġunt

1. Il-Kumitat Xjentifiku Konġunt imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Ftehim għandu jkun magħmul minn xjenzati li kull Parti taħtar f'numri ndaqs. Jekk iż-żewġ partijiet jaqblu, fil-Kumitat Xjentifiku Konġunt jistgħu jitħallew jieħdu sehem xi osservaturi, b'mod partikolari r-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd bħas-CECAF.

2. Il-Kumitat Xjentifiku Konġunt għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena, f'konformità mal-Artikolu 4(1) tal-Ftehim. Fil-prinċipju, il-laqgħat għandhom isiru darba fil-Guinea-Bissau u darba fl-Unjoni. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, jistgħu jissejħu wkoll laqgħat oħra. Il-laqgħat għandhom jiġu ppreseduti b'mod alternat mill-Partijiet.

3. Il-kompiti tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt għandhom ikopru, b'mod partikolari, l-attivitajiet li ġejjin:

(a) il-ġbir tad-*data* dwar l-isforzi tas-sajd u dwar il-qabdiet tal-flotot nazzjonali u ta' dawk barranin li jkunu qed joperaw fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau u li jkunu qed jistadu għall-ispeċijiet koperti minn dan il-Protokoll;

(b) il-proposta, il-monitoraġġ u l-analiżi tal-istħarriġiet annwali ta' valutazzjoni li jikkontribwixxu għall-proċess ta' valutazzjoni tal-istokkijiet u li jippermettu li jiġu ddeterminati l-opportunitajiet ta' sajd u l-għażliet ta' sfruttament li jiggarantixxu l-konservazzjoni tar-riżorsi u tal-ekosistema tagħhom;

(c) it-tfassil ta' rapport xjentifiku annwali, abbażi ta' dan, dwar l-attivitajiet tas-sajd koperti minn dan il-Protokoll;

(d) it-tfassil, fuq inizjattiva tiegħu stess jew bi tweġiba għal talba tal-Kumitat Konġunt jew ta' waħda mill-Partijiet, ta' kwalunkwe pariri xjentifiċi marbutin mal-miżuri ta' ġestjoni li jitqiesu meħtieġa għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet u tas-sajd koperti minn dan il-Protokoll.

4. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet u tar-riżoluzzjonijiet adottati mill-ICCAT u fid-dawl tal-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, bħal dak tas-CECAF, u, jekk ikun il-każ, tal-konklużjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd koperti minn dan il-Protokoll u li jikkonċernaw l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni.

ARTIKOLU 10

Reviżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd u tal-miżuri tekniċi

1. F'każ li l-Guinea-Bissau tiddeċiedi, abbażi ta' parir tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt, li tagħlaq ċertu żoni għal ċertu tip ta' sajd jew li tistabbilixxi staġuni magħluqa għalih bħala parti minn miżura ta' konservazzjoni tar-riżorsi, il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' biex janalizza r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni, biex jevalwa l-impatt ta' dan l-għeluq fuq l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni fil-kuntest tal-Ftehim u biex jiddeċiedi dwar il-miżuri korrettivi li jistgħu jittieħdu.

2. Fil-każijiet previsti fil-paragrafu 1, il-Kumitat Konġunt għandu jaqbel fuq tnaqqis proporzjonat tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Ftehim li l-Unjoni trid tħallas u, jekk ikun meħtieġ, fuq kumpens li għandhom jingħataw is-sidien tal-bastimenti.

3. Kwalunkwe għeluq ta' tip partikolari ta' sajd li l-Guinea-Bissau tiddeċiedi dwaru abbażi ta' parir xjentifiku, għandu japplika mingħajr diskriminazzjoni għall-bastimenti kollha involuti f'dak is-sajd, inkluż il-bastimenti nazzjonali u dawk li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz.

4. Il-Kumitat Konġunt jista' jirrevedi l-opportunitajiet tas-sajd previsti fl-Artikolu 4 bi ftehim reċiproku abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt. F'dan il-każ, il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 6(2), il-punt (a), għandha tiġi aġġustata b'mod proporzjonat, u dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu għandhom jiġu emendati kif meħtieġ mill-Kumitat Konġunt.

5. Jekk ikun meħtieġ, il-Kumitat Konġunt jista' jeżamina u jadatta, bi ftehim reċiproku, id-dispożizzjonijiet marbutin mal-kundizzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet tas-sajd u r-regoli għall-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll u tal-Anness tiegħu, fosthom l-arranġamenti għall-monitoraġġ tal-appoġġ settorjali.

ARTIKOLU 11

Sajd sperimentali u opportunitajiet ġodda tas-sajd

1. F'każ li l-bastimenti tal-Unjoni jkunu interessati jwettqu attivitajiet tas-sajd li mhumiex previsti fl-Artikolu 4 u sabiex jiġu ttestjati l-fattibbiltà teknika u l-vijabbiltà ekonomika ta' tipi ġodda ta' sajd, jistgħu jingħataw liċenzji biex dawn l-attivitajiet jitwettqu fuq bażi sperimentali f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Guinea-Bissau li tkun fis-seħħ. Meta jkun possibbli, dan is-sajd sperimentali għandu jsir bl-użu tal-għarfien espert xjentifiku u tekniku disponibbli lokalment. Il-vjaġġi tas-sajd sperimentali jsiru bil-għan li jiġu ttestjati l-fattibbiltà teknika u l-vijabbiltà ekonomika ta' tipi ġodda ta' sajd.

2. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni Ewropea għandha tgħarraf lill-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau bl-applikazzjonijiet għal-liċenzji tas-sajd sperimentali abbażi ta' dossier tekniku li jindika:

(a) l-ispeċijiet fil-mira;

(b) il-karatteristiċi tekniċi tal-bastiment;

(c) l-esperjenza tal-uffiċjali tal-bastiment fir-rigward tal-attivitajiet tas-sajd ikkonċernat;

(d) il-parametri tekniċi proposti għall-vjaġġ (id-durata, l-irkaptu tas-sajd, ir-reġjuni li se jiġu esplorati, eċċ.);

(e) it-tip ta' *data* miġbura biex ikun żgurat monitoraġġ xjentifiku tal-impatt ta' dawn l-attivitajiet tas-sajd fuq ir-riżorsi u fuq l-ekosistemi.

3. Il-liċenzji għas-sajd sperimentali għandhom jingħataw għal perjodu massimu ta' 6 xhur. Għandhom ikunu soġġetti għall-ħlas ta' imposta stabbilita mill-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau.

4. Matul il-vjaġġ kollu, għandu jkun hemm abbord osservatur xjentifiku mill-Istat tal-bandiera u osservatur magħżul mill-Guinea-Bissau.

5. L-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau għandhom jistabbilixxu l-qabdiet awtorizzati fil-kuntest tal-vjaġġ tas-sajd sperimentali. Il-qabdiet li jsiru fil-kuntest tal-vjaġġ tas-sajd sperimentali u matulu jibqgħu l-proprjetà ta' sid il-bastiment. Il-ħut ta' daqs li ma jkunx skont il-liġi jew il-ħut li s-sajd għalih ma jkunx awtorizzat mil-leġiżlazzjoni tal-Guinea-Bissau ma jistax jinżamm abbord jew jiġi kkummerċjalizzat.

6. Ir-riżultati ddettaljati tal-vjaġġ għandhom jitgħaddew lill-Kumitat Konġunt u lill-Kumitat Xjentifiku Konġunt biex jiġu analizzati.

7. Skont, b'mod partikolari, ir-riżultati tal-vjaġġ tas-sajd sperimentali u l-parir tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt, il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu li jintroduċu opportunitajiet tas-sajd ġodda li mhumiex elenkati fl-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll. Il-Partijiet għandhom jaqblu dwar il-kundizzjonijiet li japplikaw għal dawk l-opportunitajiet il-ġodda tas-sajd u għandhom jemendaw dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu sa ma jiskadi dan il-Protokoll. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 6(2), il-punt (a), ta' dan il-Protokoll għandha tiżdied kif xieraq. L-imposti u l-kundizzjonijiet l-oħra previsti fl-Anness li japplikaw għas-sidien tal-bastimenti għandhom jiġu stabbiliti kif xieraq.

ARTIKOLU 12

Integrazzjoni ekonomika tal-operaturi tal-Unjoni fis-settur tas-sajd tal-Guinea-Bissau

1. Il-Partijiet għandhom jintrabtu li jippromwovu l-integrazzjoni ekonomika tal-operaturi tal-Unjoni fis-settur kollu tas-sajd tal-Guinea-Bissau, b'mod partikolari billi jistabbilixxu l-impriżi konġunti u billi joħolqu l-infrastrutturi.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bejniethom sabiex joħolqu sensibilizzazzjoni fost l-operaturi tal-Unjoni tas-settur privat dwar l-opportunitajiet kummerċjali u industrijali, b'mod partikolari b'rabta mal-investimenti diretti, li jeżistu fis-settur kollu tas-sajd tal-Guinea-Bissau.

3. Bl-istess objettiv, il-Guinea-Bissau tista' tagħti wkoll inċentivi lill-operaturi tal-Unjoni li jwettqu dawn l-investimenti.

4. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jidentifikaw opportunitajiet ta' investiment u strumenti ta' finanzjament għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet jew tal-proġetti identifikati, b'mod partikolari fil-qafas tal-istrumenti ta' finanzjament eżistenti tal-Unjoni.

5. Ladarba tiġi ssodisfata kull kundizzjoni teknika meħtieġa, il-partijiet għandhom jikkooperaw biex jippromwovu l-kummerċjalizzazzjoni tal-qabdiet li jkunu saru mill-bastimenti tal-Unjoni fil-Guinea-Bissau lejn is-suq tal-Unjoni.

6. Il-partijiet għandhom jappoġġaw l-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma bl-għan li jidentifika u jappoġġa proġetti ta' investiment u jiffaċilita l-ksib ta' finanzjament, kemm bilateralment kif ukoll multilateralment.

7. Kull sena, il-Kumitat Konġunt jirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 13

Skambju tal-informazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jintrabtu li jagħtu preferenza lis-sistemi elettroniċi għall-iskambju tal-informazzjoni u tad-dokumenti marbuta mal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll. Għandhom jimplimentaw sistemi siguri tal-IT li jawtomatizzaw l-iskambju ta' *data* dwar l-awtorizzazzjonijiet u l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni, jew skambji elettroniċi f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

2. Il-verżjoni elettronika tad-dokumenti previsti f'dan il-Protokoll għandha titqies li hija ekwivalenti għalkollox għall-verżjoni stampata.

3. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw minnufih lil xulxin b'kwalunkwe ħsara fis-sistema tal-IT. F'dan il-każ, l-informazzjoni u d-dokumenti marbuta mal-implimentazzjoni tal-Ftehim għandhom jiġu sostitwiti b'mod awtomatiku bil-verżjoni stampata tagħhom kif stipulat fl-Anness ta' dan il-Protokoll.

4. Il-proċeduri għat-trażmissjoni tad-*data*, inkluż id-dispożizzjonijiet dwar il-kontinwità tal-iskambji tal-informazzjoni, huma stabbiliti fl-Anness għal dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 14

Kunfidenzjalità tad-*data*

1. Il-Guinea-Bissau u l-Unjoni għandhom jiżguraw li d-*data* skambjata skont il-Ftehim tintuża mill-awtorità kompetenti esklużivament għall-implimentazzjoni tal-Ftehim u, b'mod partikolari, għall-finijiet tal-ġestjoni, tal-monitoraġġ, tal-kontroll u tas-sorveljanza tas-sajd.

2. Il-Partijiet jintrabtu li jiżguraw li d-*data* kummerċjalment sensittiva u personali kollha dwar il-bastimenti tal-Unjoni u l-attivitajiet tas-sajd tagħhom li tinkiseb skont il-Ftehim, kif ukoll l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva kollha dwar is-sistemi ta' komunikazzjoni użati mill-Unjoni, jiġu pproċessati b'mod kunfidenzjali. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li tiġi ppubblikata biss id-*data* aggregata dwar l-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd.

3. Id-*data* personali għandha tiġi pproċessata b'mod legali, ġust u trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-*data*.

4. Id-*data* personali skambjata skont il-Ftehim għandha tiġi pproċessata f'konformità mad-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Appendiċi 3 tal-Anness ta' dan il-Protokoll. Aktar salvagwardji u rimedji fir-rigward tad-*data* personali u tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* jistgħu jiġu stabbiliti mill-Kumitat Konġunt.

5. Id-*data* skambjata skont il-Ftehim għandha tkompli tiġi pproċessata f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-Appendiċi 3 għall-Anness ta' dan il-Protokoll anke wara l-iskadenza ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 15

Leġiżlazzjoni applikabbli

1. Il-liġijiet applikabbli tal-Guinea-Bissau għandhom jirregolaw l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni li joperaw fl-ilmijiet tal-Guinea-Bissau, dment li l-Ftehim jew dan il-Protokoll, flimkien mal-Anness u l-appendiċijiet tiegħu, ma jipprevedux mod ieħor.

2. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin bil-miktub b'kwalunkwe bidla fil-politika u l-leġiżlazzjoni tas-sajd tagħhom. Dan it-tibdil leġiżlattiv jew regolatorju li jħalli impatt tekniku fuq l-attivitajiet tas-sajd għandu jibda japplika għall-bastimenti tal-Unjoni wara 3 xhur minn meta jiġi nnotifikat b'mod uffiċjali.

ARTIKOLU 16

Prerogattivi tal-Kumitat Konġunt

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddelibera jew jiddeċiedi permezz ta' skambju ta' ittri jew permezz ta' laqgħa mill-bogħod.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta l-emendi ta' dan il-Protokoll dwar:

(a) l-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikoli 4 u 10 u, jekk ikun meħtieġ, il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 6(2), il-punt (a);

(b) il-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali msemmija fl-Artikolu 7;

(c) il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti tekniċi li jirregolaw is-sajd mill-bastimenti tal-Unjoni;

(d) is-salvagwardji addizzjonali għall-protezzjoni tad-*data* personali previsti fl-Artikolu 14(4).

L-emendi ta' dan il-Protokoll għandhom jitniżżlu f'minuti ffirmati mill-Partijiet, li għandhom jispeċifikaw id-data li fiha dawn l-emendi jsiru infurzabbli.

ARTIKOLU 17

Sospensjoni tal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll

1. L-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, fosthom il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 6(2), il-punti (a) u (b), tista' tiġi sospiża, wara li ssir konsultazzjoni fil-Kumitat Konġunt, jekk tiġi ssodisfata kundizzjoni waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk ikun hemm ċirkustanzi mhux tas-soltu, minbarra fenomeni naturali, li minħabba fihom ma jkunux jistgħu jitwettqu l-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau;

(b) jekk ikun hemm tibdil sinifikanti fid-definizzjoni jew fl-implimentazzjoni tal-politika tas-sajd ta' waħda miż-żewġ Partijiet li jaffettwa d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll;

(c) jekk jinbdew il-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni previsti fl-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Samoa b'rabta ma' ksur tal-elementi essenzjali u fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem kif iddefiniti fl-Artikolu 9 ta' dak il-Ftehim;

(d) jekk l-Unjoni tonqos milli tħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja prevista fl-Artikolu 6(2), il-punt (a), għal raġunijiet oħra apparti dawk previsti fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu;

(e) jekk ikun hemm tilwima serja mhux solvuta bejn il-Partijiet dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim jew ta' dan il-Protokoll.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha terġa' tibda titħallas wara konsultazzjoni u qbil bejn iż-żewġ Partijiet malli s-sitwazzjoni terġa' lura għal kif kienet qabel ma seħħew l-avvenimenti msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jiġu sospiżi meta jiġi sospiż il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 6(2), il-punt (a). F'każ li titwaqqaf din is-sospensjoni, il-perjodu ta' validità ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandu jittawwal b'perjodu li jkun daqs dak tas-sospensjoni tal-attivitajiet tas-sajd. Matul il-perjodu ta' sospensjoni għandhom jieqfu l-attivitajiet kollha tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau.

4. Sabiex l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll tiġi sospiża, il-Parti kkonċernata għandha tinnotifika bil-miktub li hija jkun beħsiebha tagħmel dan mill-inqas 3 xhur qabel id-data li fiha tkun se tidħol fis-seħħ din is-sospensjoni, ħlief fil-każ previst fil-paragrafu 1(c), u dan għandu jwassal għal sospensjoni immedjata. Sadanittant, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt.

5. F'każ ta' sospensjoni, il-Partijiet għandhom ikomplu għaddejjin bil-konsultazzjonijiet bil-ħsieb li jaslu għal ftehim bonarju biex isolvu t-tilwim ta' bejniethom. Meta jaslu għal dan il-ftehim, dan il-Protokoll għandu jerġa' jibda jiġi implimentat u l-ammont tal-kumpens finanzjarju għandu jitnaqqas b'mod proporzjonat u pro rata temporis skont id-durata li matulha kienet sospiża l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 18

Terminazzjoni

1. F'każ ta' terminazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-Parti kkonċernata għandha tinnotifika bil-miktub lill-Parti l-oħra li hija jkun beħsiebha tittermina dan il-Protokoll mill-inqas 6 xhur qabel id-data li fiha tkun se tidħol fis-seħħ din it-terminazzjoni.

2. Hekk kif tintbagħat in-notifika, kif imsemmi fil-paragrafu 1, għandhom jibdew konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 19

Applikazzjoni provviżorja

Dan il-Protokoll għandu japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu.

ARTIKOLU 20

Dħul fis-seħħ

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li lestew il-proċeduri meħtieġa għal dak l-għan.

ARTIKOLU 21

Testi awtentiċi

Dan il-Protokoll għandu jitfassal f'żewġ kopji bil-Ġermaniż, bl-Ingliż, bil-Bulgaru, bil-Kroat, bid-Daniż, bl-Ispanjol, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bl-Irlandiż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Iżvediż u biċ-Ċek, b'kull wieħed minn dawn it-testi awentiku b'mod ugwali.

Съставено в Брюксел на осемнадесети септември две хиляди двадесет и четвърта година.

Hecho en Bruselas, el dieciocho de septiembre de dos mil veinticuatro.

V Bruselu dne osmnáctého září dva tisíce dvacet čtyři.

Udfærdiget i Bruxelles den attende september to tusind og fireogtyve.

Geschehen zu Brüssel am achtzehnten September zweitausendvierundzwanzig.

Kahe tuhande kahekümne neljanda aasta septembrikuu kaheksateistkümnendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις δέκα οκτώ Σεπτεμβρίου δύο χιλιάδες είκοσι τέσσερα.

Done at Brussels on the eighteenth day of September in the year two thousand and twenty four.

Fait à Bruxelles, le dix-huit septembre deux mille vingt-quatre.

Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an t-ochtú lá déag de Mheán Fómhair sa bhliain dhá mhíle fiche a ceathair.

Sastavljeno u Bruxellesu osamnaestog rujna godine dvije tisuće dvadeset četvrte.

Fatto a Bruxelles, addì diciotto settembre duemilaventiquattro.

Briselē, divi tūkstoši divdesmit ceturtā gada astoņpadsmitajā septembrī.

Priimta du tūkstančiai dvidešimt ketvirtų metų rugsėjo aštuonioliktą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-huszonnegyedik év szeptember havának tizennyolcadik napján.

Magħmul fi Brussell, fit-tmintax-il jum ta' Settembru fis-sena elfejn u erbgħa u għoxrin.

Gedaan te Brussel, achttien september tweeduizend vierentwintig.

Sporządzono w Brukseli dnia osiemnastego września roku dwa tysiące dwudziestego czwartego.

Feito em Bruxelas, em dezoito de setembro de dois mil e vinte e quatro.

Întocmit la Bruxelles la optsprezece septembrie două mii douăzeci şi patru.

V Bruseli osemnásteho septembra dvetisícdvadsaťštyri.

V Bruslju, osemnajstega septembra dva tisoč štiriindvajset.

Tehty Brysselissä kahdeksantenatoista päivänä syyskuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäneljä.

Som skedde i Bryssel den artonde september år tjugohundratjugofyra.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen

За Република Гвинея Бисау
Por la República de Guinea-Bissau
Za Republiku Guinea-Bissau
For Republikken Guinea-Bissau
Für die Republik Guinea-Bissau
Guinea-Bissau Vabariigi nimel
Για την Δημοκρατία της Γουινέας-Μπισάου
For the Republic of Guinea-Bissau
Pour la République de Guinée-Bissau
Thar ceann Phoblacht Ghuine Bissau
Za Republiku Gvineju Bissau
Per la Repubblica di Guinea-Bissau
Gvinejas-Bisavas Republikas vārdā –
Bisau Gvinėjos Respublikos vardu
A Bissau-guineai Köztársaság részéről
Għar-Repubblika tal-Ginea Bissaw
Voor de Republiek Guinee-Bissau
W imieniu Republiki Gwinei Bissau
Pela República da Guiné-Bissau
Pentru Republica Guineea-Bissau
Za Guinejsko-bissauskú republiku
Za Republiko Gvinejo Bissau
Guinea-Bissaun tasavallan puolesta
För Republiken Guinea-Bissau

ANNESS

KUNDIZZJONIJIET LI JIRREGOLAW L-ATTIVITAJIET TAS-SAJD TAL-BASTIMENTI TAL-UNJONI FIŻ-ŻONA TAS-SAJD TAL-GUINEA-BISSAU

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1. Ħatra tal-awtorità kompetenti

Għall-finijiet ta' dan l-Anness u dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor, kwalunkwe referenza għall-Unjoni jew għall-Guinea-Bissau bħala awtorità kompetenti għandha tfisser:

(a) għall-Unjoni: il-Kummissjoni Ewropea, jekk ikun meħtieġ permezz tad-delegazzjoni tal-Unjoni fil-Guinea-Bissau,

(b) għall-Guinea-Bissau: id-dipartiment tal-gvern responsabbli mis-sajd.

2. Żona tas-sajd awtorizzata

Iż-żona tas-sajd awtorizzata li fiha l-bastimenti tal-Unjoni huma awtorizzati jistadu għandha tikkorrispondi għaż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau, fosthom dik il-parti li tikkorrispondi għaż-żona komuni ta' bejn il-Guinea-Bissau u s-Senegal, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Guinea-Bissau u mal-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli li l-Guinea-Bissau hija Parti għalihom.

Il-linji bażi għandhom jiġu ddefiniti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

3. Ħatra ta' aġent lokali

Minbarra l-bastimenti għat-tonn, kwalunkwe bastiment tal-Unjoni li jkun jixtieq jikseb awtorizzazzjoni tas-sajd skont dan il-Protokoll irid ikun rrappreżentati minn aġent li jkun residenti fil-Guinea-Bissau.

4. Kont bankarju

Qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, il-Guinea-Bissau għandha tgħaddi lill-Unjoni d-dettalji tal-kont jew tal-kontijiet bankarji li fihom għandhom jitħallsu l-ammonti ta' flus li l-bastimenti tal-Unjoni għandhom iħallsu skont il-Ftehim. L-ammonti dovuti b'rabta mat-trasferimenti bankarji għandhom iħallsuhom is-sidien tal-bastimenti.

5. Punti fokali

Il-Partijiet għandhom jgħarrfu lil xulxin dwar il-punti fokali rispettivi tagħhom li jippermettu li tiġi skambjata l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, b'mod partikolari dwar il-kwistjonijiet marbuta mal-iskambju tad-*data* aggregata rigward il-qabdiet u l-isforz tas-sajd, dwar il-proċeduri marbuta mal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u mal-qabdiet u dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali.

KAPITOLU II

AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD

TAQSIMA 1

PROĊEDURI APPLIKABBLI

1. Kundizzjoni biex tinkiseb awtorizzazzjoni tas-sajd – bastimenti eliġibbli

L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Ftehim għandhom jinħarġu bil-kundizzjoni li l-bastiment ikun imniżżel fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u li dan ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1]. Iridu jkunu ntlaħqu l-obbligi preċedenti kollha ta' sid il-bastiment, tal-kaptan jew tal-bastiment innifsu li jinħolqu mill-attivitajiet tas-sajd tagħhom fil-Guinea-Bissau skont il-Ftehim.

2. Talba għal awtorizzazzjoni tas-sajd

L-Unjoni għandha tippreżenta lill-Guinea-Bissau, b'mod elettroniku, applikazzjoni għal kull bastiment li għandu jiġi awtorizzat mill-inqas 40 jum tax-xogħol qabel id-data li fiha għandhom jibdew l-operazzjonijiet, billi tuża l-formola li tinsab fl-Appendiċi I għal dan l-Anness.

[1] Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

L-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u n-notifika dwar jekk ġewx aċċettati għandhom jintbagħtu b'mod elettroniku permezz tas-sistema LICENCE, jiġifieri s-sistema elettronika u sigura għall-ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd magħmula disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea.

Sakemm is-sistema LICENCE tibda taħdem kompletament, l-Unjoni se tkompli tippreżenta applikazzjoni lill-Guinea-Bissau b'mod uffiċjali għal kull bastiment li għandu jiġi awtorizzat. Il-Kumitat Konġunt se jiddeċiedi dwar it-tranżizzjoni lejn l-użu tas-sistema LICENCE.

Għal kull talba inizjali għal awtorizzazzjoni tas-sajd skont dan il-Protokoll jew wara li l-bastiment ikkonċernat issirlu bidla teknika, flimkien mat-talba għandu jintbagħat dan li ġej:

(a) il-prova tal-ħlas tal-imposta b'rata fissa għall-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd mitluba;

(b) l-isem u l-indirizz tal-aġent lokali tal-bastiment, jekk ikun hemm wieħed;

(c) għall-bastimenti tat-tkarkir, il-prova tal-ħlas bil-quddiem tal-kontribuzzjoni b'rata fissa għall-kostijiet marbuta mal-osservatur;

(d) fil-każ tal-bastimenti tat-tkarkir, iċ-ċertifikat tat-tunnellaġġ tal-bastiment, maħruġ mill-Istat tal-bandiera.

Għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni tas-sajd skont dan il-Protokoll għal bastiment li l-karatteristiċi tekniċi tiegħu ma jkunux inbidlu, it-talba għat-tiġdid għandha tkun akkumpanjata biss mill-prova tal-ħlas tal-imposta u, jekk ikun il-każ, mill-prova tal-ħlas tal-kontribuzzjoni b'rata fissa għall-kostijiet marbuta mal-osservatur.

3. Ħruġ tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

Il-Guinea-Bissau għandha toħroġ l-awtorizzazzjoni oriġinali tas-sajd f'perjodu massimu ta' 25 jum minn meta tirċievi l-fajl tal-applikazzjoni komplut u mill-inqas 15-il jum qabel jibda l-perjodu tas-sajd. Din l-awtorizzazzjoni għandha tintbagħat lis-sidien tal-bastimenti:

(a) fil-każ tal-bastimenti tat-tkarkir, permezz tal-aġenti, flimkien ma' kopja skennjata li għandha tintbagħat lill-Unjoni; u

(b) fil-każ tal-bastimenti għat-tonn, permezz tad-delegazzjoni tal-Unjoni fil-Guinea-Bissau; jekk id-delegazzjoni tkun magħluqa, il-Guinea-Bissau tista' tibgħat l-awtorizzazzjoni tas-sajd direttament lil sid il-bastiment, jew lill-aġent tiegħu, u tibgħat kopja lill-Unjoni.

Fil-każ tal-bastimenti għat-tonn, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat minnufih, b'mod elettroniku, kopja ta' din l-awtorizzazzjoni tas-sajd lil sid il-bastiment, u, jekk ikun il-każ, lill-aġent lokali tiegħu. Dik il-kopja ma għandhiex tibqa' valida malli tasal l-awtorizzazzjoni oriġinali tas-sajd. Dik il-kopja, li għandha tinżamm abbord il-bastimenti, għandha tkun valida għal perjodu ta' 40 jum li matulu għandha titqies li hija ekwivalenti għall-awtorizzazzjoni oriġinali.

Ladarba l-għodda LICENCE tibda taħdem, il-Guinea-Bissau se tindika li l-applikazzjoni ġiet aċċettata u ttella' fis-sistema LICENCE kopja elettronika ffirmata tal-liċenzja oriġinali. Sadanittant, il-Guinea-Bissau għandha tibgħat lill-Unjoni, permezz ta' email, kopja skennjata tal-liċenzji maħruġa.

4. Ħsarat fis-sistema LICENCE

Meta jinqalgħu xi diffikultajiet fit-trażmissjoni tal-informazzjoni fis-sistema LICENCE bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Guinea-Bissau, sakemm is-sistema terġa' tibda taħdem l-iskambji elettroniċi tal-liċenzji tas-sajd għandhom isiru permezz tal-kanali uffiċjali.

Wara li s-sistema terġa' tibda taħdem bħas-soltu, l-informazzjoni għandha tiġi aġġornata fis-sistema LICENCE minn kull Parti.

5. Lista tal-bastimenti li huma awtorizzati jistadu

Malli toħroġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd, il-Guinea-Bissau għandha tistabbilixxi minnufih, għal kull kategorija ta' bastimenti, il-lista finali tal-bastimenti li huma awtorizzati jistadu fiż-żona tas-sajd tagħha. Din il-lista għandha tintbagħat minnufih lill-awtorità nazzjonali responsabbli mill-kontroll tas-sajd u lill-Unjoni b'mod elettroniku.

6. Durata tal-validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti għal perjodu ta' 3 xhur, ta' 6 xhur jew ta' sena. Sabiex jiġi stabbilit il-bidu tal-perjodu ta' validità, "perjodu ta' sena" għandu jfisser dan li ġej:

(a) għall-ewwel sena ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-perjodu bejn id-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena;

(b) fis-snin ta' wara, kull sena kalendarja sħiħa;

(c) għall-aħħar sena tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u d-data tal-iskadenza ta' dan il-Protokoll.

Perjodu ta' validità ta' 3 xhur jew ta' 6 xhur għandu jibda fl-ewwel tax-xahar ta' kull xahar. Madankollu, l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd ma jistgħux jibqgħu validi wara l-31 ta' Diċembru tas-sena li jinħarġu fiha.

7. Żamma abbord tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

L-awtorizzazzjoni tas-sajd trid tinżamm dejjem abbord il-bastiment.

Madankollu, il-bastimenti għat-tonn għandhom jiġu awtorizzati jistadu malli jiddaħħlu fil-lista provviżorja. Tali bastimenti jridu dejjem iżommu abbord il-lista provviżorja sakemm tinħarġilhom l-awtorizzazzjoni tas-sajd tagħhom.

8. Trasferiment tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

L-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinħareġ għal bastiment partikolari u ma tistax tiġi ttrasferita.

Madankollu, f'każ ta' forza maġġuri u fuq talba tal-Unjoni, l-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinbidel b'awtorizzazzjoni ġdida maħruġa f'isem bastiment ieħor li jkun simili għal dak li għandu jinbidel.

It-trasferiment għandu jsir billi sid il-bastiment jew l-aġent tiegħu jagħti lura lill-Guinea-Bissau l-awtorizzazzjoni tas-sajd li għandha tiġi sostitwita, u billi l-Guinea-Bissau tistabbilixxi minnufih l-awtorizzazzjoni ta' sostituzzjoni. L-awtorizzazzjoni ta' sostituzzjoni għandha tingħata minnufih lil sid il-bastiment jew lill-aġent tiegħu hekk kif tingħata lura l-awtorizzazzjoni li għandha tiġi sostitwita, ladarba ssir l-ispezzjoni teknika f'konformità mal-punt 10. L-awtorizzazzjoni ta' sostituzzjoni għandha tibda tgħodd dakinhar li tingħata lura l-awtorizzazzjoni li għandha tiġi sostitwita.

Fil-każ tal-bastimenti tat-tkarkir, jekk it-tunnellaġġ tal-bastiment ta' sostituzzjoni jkun ikbar minn dak tal-bastiment sostitwit, l-imposta addizzjonali għandha tiġi kkalkulata b'mod proporzjonat għad-differenza fit-tunnellaġġ u għall-perjodu ta' validità li jkun għad fadal. Sid il-bastiment għandu jħallas dik l-imposta addizzjonali hekk kif tiġi ttrasferita l-awtorizzazzjoni tas-sajd.

Il-Guinea-Bissau għandha taġġorna minnufih il-lista tal-bastimenti li huma awtorizzati jistadu. Il-lista l-ġdida għandha titgħadda minnufih lill-awtorità nazzjonali responsabbli mill-kontroll tas-sajd u lill-Unjoni.

Il-Partijiet għandhom jaġġornaw l-informazzjoni fis-sistema LICENCE.

9. Bastimenti ta' appoġġ

Fuq talba tal-Unjoni, il-Guinea-Bissau għandha tawtorizza lill-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd jiġu megħjuna minn bastimenti ta' appoġġ. Il-bastimenti ta' appoġġ għandhom itajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni jew ikunu ta' kumpanija tal-Unjoni, u ma jistgħux ikunu mgħammra għas-sajd.

Il-Guinea-Bissau għandha tistabbilixxi l-lista tal-bastimenti ta' appoġġ awtorizzati u tgħaddiha minnufih lill-awtorità nazzjonali responsabbli mill-kontroll tas-sajd u lill-Unjoni.

Il-Partijiet għandhom jaġġornaw l-informazzjoni fis-sistema LICENCE.

Għal dan l-għan, il-bastimenti ta' appoġġ irid ikollhom awtorizzazzjoni maħruġa skont il-liġi tal-Guinea-Bissau u għandhom iħallsu imposta annwali.

10. Spezzjoni teknika tal-bastimenti tat-tkarkir

Darba fis-sena jew wara li jinbidel it-tunnellaġġ tal-bastiment, jew meta l-użu ta' rkaptu ieħor tas-sajd iwassal għal bidla fil-kategorija tas-sajd, kull bastiment tat-tkarkir tal-Unjoni għandu jidħol fil-port ta' Bissau biex issirlu spezzjoni teknika, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Guinea-Bissau li tkun fis-seħħ.

L-għan tal-ispezzjoni teknika huwa li tivverifika l-konformità tal-karatteristiċi tekniċi tal-bastiment u tal-irkaptu tas-sajd li jkun hemm abbord, kif ukoll il-ħarsien tar-regoli sanitarji u tar-regoli marbutin mal-imbark tal-baħrin nazzjonali.

Il-Guinea-Bissau hija obbligata twettaq l-ispezzjoni teknika f'massimu ta' 48 siegħa minn meta l-bastiment tat-tkarkir jasal fil-port, dejjem jekk tkun ġiet avżata minn qabel dwar il-wasla tiegħu.

Wara l-ispezzjoni teknika, il-Guinea-Bissau għandha tagħti ċertifikat tal-konformità lill-kaptan tal-bastiment minnufih.

Iċ-ċertifikat tal-konformità għandu jkun validu għal sena. Madankollu, għandu jkun meħtieġ ċertifikat tal-konformità ġdid f'każ ta' kwalunkwe bidla fl-attivitajiet tas-sajd mill-kategorija tas-sajd għall-gambli jew lejn din il-kategorija. Barra minn hekk, f'każ li l-bastiment joħroġ miż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau għal iktar minn 45 jum, ikun meħtieġ ta' ċertifikat tal-konformità ġdid.

Iċ-ċertifikat tal-konformità għandu jinżamm dejjem abbord il-bastiment.

Il-kostijiet marbutin mal-ispezzjoni teknika għandu jħallashom sid il-bastiment u għandhom ikunu jikkorrispondu għall-ammont stabbilit skont l-iskala li tinsab fil-leġiżlazzjoni tal-Guinea-Bissau. Dawn il-kostijiet ma jistgħux jaqbżu l-ammonti li jħallsu l-bastimenti nazzjonali jew il-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat terz għall-istess servizzi.

TAQSIMA 2

IMPOSTI U ĦLASIJIET BIL-QUDDIEM

L-ammont tal-imposta b'rata fissa huwa stabbilit għal kull kategorija ta' bastimenti fl-iskedi tekniċi fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness. Dan jinkludi t-taxxi nazzjonali u lokali kollha, minbarra t-taxxi tal-port, il-kostijiet relatati mal-forniment tas-servizzi u t-taxxa tal-boll applikabbli għall-ammonti tat-tariffi tal-liċenzji.

Ir-regolamenti dwar it-taxxa tal-boll fis-seħħ fil-mument tal-iffirmar tal-Protokoll għandhom jiddeterminaw ir-rata applikabbli għal-liċenzji, li għandha tibqa' fissa għad-durata tal-Protokoll.

Meta l-awtorizzazzjoni tas-sajd tkun valida għal inqas minn sena, l-ammont tal-imposta b'rata fissa għandu jiġi aġġustat b'mod proporzjonat għall-perjodu ta' validità mitlub. Jekk ikun meħtieġ, ma' dan l-ammont aġġustat għandu jiżdied l-ammont dovut għall-perjodu ta' 3 xhur jew ta' 6 xhur skont l-iskali stabbiliti fl-iskedi tekniċi korrispondenti.

KAPITOLU III

MIŻURI TEKNIĊI TA' KONSERVAZZJONI

Il-miżuri tekniċi applikabbli għall-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd u li jkunu marbutin maż-żona, mal-irkaptu tas-sajd u mal-livell tal-qabdiet aċċessorji, huma ddefiniti għal kull kategorija tas-sajd fl-iskedi tekniċi fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness.

Il-bastimenti għat-tonn għandhom iħarsu r-rakkomandazzjonijiet kollha adottati mill-ICCAT.

KAPITOLU IV

DIKJARAZZJONI TAL-QABDIET

1. Ġurnal ta' abbord tas-sajd

Il-kaptan ta' bastiment tal-Unjoni li jkun qed jistad skont il-Ftehim għandu jżomm ġurnal ta' abbord tas-sajd. F'dak li għandu x'jaqsam mal-bastimenti għat-tonn, il-ġurnal ta' abbord tas-sajd għandu jkun konformi mar-riżoluzzjonijiet applikabbli tal-ICCAT dwar il-ġbir u t-trażmissjoni tad-*data* marbuta mal-attivitajiet tas-sajd.

Kull bastiment tal-Unjoni għandu jkun mgħammar b'sistema elettronika (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ERS", electronic reporting system) li tkun kapaċi tirreġistra u tittrażmetti *data* dwar l-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment (minn hawn 'il quddiem id-"*data* tal-ERS").

Bastiment tal-UE li ma jkunx mgħammar b'ERS, jew li l-ERS tiegħu ma tkunx qiegħda taħdem, ma għandux ikun awtorizzat jidħol fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau biex iwettaq attivitajiet tas-sajd fiha.

Il-ġurnal ta' abbord tas-sajd għandu jimtela mill-kaptan għal kull jum li l-bastiment ikun fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau. Il-bastiment għandu jittrażmetti d-*data* tal-ERS lill-Istat tal-bandiera tiegħu, li għandu jqegħedha awtomatikament għad-dispożizzjoni taċ-ċentru tal-monitoraġġ tas-sajd tal-Guinea-Bissau (minn hawn' il quddiem imsejjaħ "ĊMS"), ladarba l-ERS tiegħu tibda taħdem.

Id-*data* tal-ERS għandha tiġi trażmessa bl-użu tal-mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea għall-iskambji standardizzati tad-*data* dwar is-sajd. Ir-rekwiżiti tekniċi għat-trażmissjonijiet permezz tal-ERS se jiġu vvalidati fil-Kumitat Konġunt.

Kuljum, il-kaptan għandu jniżżel fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd il-kwantità ta' kull speċi, identifikata bil-kodiċi alfa-3 tal-FAO tagħha, maqbuda u miżmuma abbord, espressa f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, jekk ikun meħtieġ, fl-għadd ta' ħut individwali.

Jekk ikun il-każ, kuljum, fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd, il-kaptan għandu jniżżel ukoll il-kwantitajiet ta' kull speċi mormija lura l-baħar, espressa f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, jekk ikun meħtieġ, fl-għadd ta' ħut individwali.

Meta jkun se jintbagħat lill-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau, il-ġurnal ta' abbord tas-sajd għandu jimtela b'ittri kbar biex ikun jista' jinqara u għandu jiġi ffirmat mill-kaptan.

Il-kaptan għandu jkun responsabbli mill-akkuratezza tad-*data* rreġistrata fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd.

2. Dikjarazzjoni tal-qabdiet

Regola għar-rappurtar tal-qabdiet sakemm l-ERS tibda tintuża

Il-kaptan għandu jiddikjara l-qabdiet tal-bastiment billi jagħti lill-Guinea-Bissau l-ġurnali ta' abbord tas-sajd tiegħu għall-perjodu li matulu kien jinsab fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau.

Il-kaptan għandu jibgħat il-ġurnali ta' abbord tas-sajd lill-Guinea-Bissau fl-indirizz elettroniku pprovdut għal dan l-għan. Il-Guinea-Bissau għandha tikkonferma li tkun irċeviethom billi twieġeb l-email minnufih.

B'mod alternattiv, il-ġurnali ta' abbord tas-sajd jistgħu jintbagħtu kif ġej:

(a) f'każ li l-bastiment ikun se jgħaddi minn port tal-Guinea-Bissau, kull ġurnal ta' abbord tas-sajd oriġinali għandu jitgħadda lir-rappreżentant tad-Direttorat Ġenerali għas-Sajd Industrijali tal-Ministeru għas-Sajd tal-Guinea-Bissau (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ id-"Direttorat Ġenerali għas-Sajd Industrijali"), li għandu jikkonferma bil-miktub li jkun irċevihom;

(b) f'każ li l-bastiment ikun se joħroġ miż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau mingħajr ma jgħaddi minn port tal-Guinea-Bissau qabel, kull ġurnal ta' abbord tas-sajd oriġinali għandu jintbagħat bil-posta fi żmien 14-il jum mill-wasla fi kwalunkwe port ieħor u, fi kwalunkwe każ, fi żmien 30 jum minn meta joħroġ miż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau.

Il-kaptan għandu jibgħat kopja ta' kull ġurnal ta' abbord tas-sajd lill-Unjoni. Fil-każ tal-bastimenti għat-tonn u tal-bastimenti tas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ, il-kaptan għandu jibgħat ukoll kopja ta' kull ġurnal ta' abbord tas-sajd tiegħu lil wieħed mill-istituti xjentifiċi li ġejjin:

(a) lill-IRD (Institut de recherche pour le développement);

(b) lill-IEO (Instituto Español de Oceanografía); jew

(c) lill-IPMA (Instituto Português do Mar e da Atmosfera).

Jekk bastiment jerġa' lura fiż-żona tal-Guinea-Bissau matul il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu, irid jerġa' jibgħat dikjarazzjoni ġdida tal-attivitajiet u tal-qabdiet.

F'każ li ma jitħarsux id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, il-Guinea-Bissau tista' tissospendi l-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-bastiment ikkonċernat sakemm issir id-dikjarazzjoni tal-qabdiet li tkun nieqsa u tista' tippenalizza lil sid il-bastiment skont id-dispożizzjonijiet previsti għal dan l-għan fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li tkun fis-seħħ. Jekk ir-reat jiġi ripetut, il-Guinea-Bissau tista' tirrifjuta li ġġedded l-awtorizzazzjoni tas-sajd. Il-Guinea-Bissau għandha tgħarraf lill-Unjoni minnufih b'kwalunkwe penali li tiġi applikata f'dan il-kuntest.

Regola għar-rappurtar tal-qabdiet ladarba l-ERS tibda tintuża

Il-qabdiet għandhom ikunu notifikati kif ġej:

(a) il-kaptani tal-bastimenti kollha li jkunu qed joperaw fl-ilmijiet tal-Guinea-Bissau skont dan il-Protokoll għandhom jimlew il-ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku kuljum u jibagħtuh permezz tal-ERS jew, f'każ li din is-sistema tkun bil-ħsara, permezz ta' email liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u liċ-ĊMS tal-Guinea-Bissau fi żmien 7 ijiem minn meta joħorġu miż-żona tas-sajd

(b) fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku trid tiġi speċifikata l-kwantità ta' kull speċi, identifikata bil-kodiċi alfa-3 tal-FAO tagħha, maqbuda u miżmuma abbord, espressa f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, jekk ikun meħtieġ, fl-għadd ta' ħut individwali. Għal kull speċi ewlenija, il-kaptan għandu jniżżel ukoll meta ma jinqabad xejn minnha. Il-kaptan għandu jniżżel ukoll il-kwantitajiet ta' kull speċi mormija lura l-baħar, mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, jekk ikun hemm bżonn, fl-għadd ta' ħut individwali.

Il-bastiment għandu jittrażmetti id-*data* tal-ERS lill-Istat tal-bandiera tiegħu, li għandu jiżgura li din titqiegħed b'mod awtomatiku għad-dispożizzjoni tal-Guinea-Bissau. L-Istat tal-bandiera għandu jiżgura li din id-*data* tasal u tiġi rreġistrata f'bażi tad-*data* elettronika li tippermetti li din id-*data* tinżamm b'mod sigur għal mill-inqas 36 xahar.

L-Istat tal-bandiera u l-Guinea-Bissau għandhom jiżguraw li jkollhom it-tagħmir tal-IT u s-software meħtieġa biex id-*data* tal-ERS tiġi trażmessa awtomatikament.

It-trażmissjoni tad-*data* tal-ERS trid issir bl-użu tal-mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea għall-iskambji standardizzati tad-*data* dwar is-sajd.

F'każ li ma jitħarsux id-dispożizzjonijiet dwar id-dikjarazzjoni tal-qabdiet, il-Guinea-Bissau tista' tissospendi l-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-bastiment ikkonċernat sakemm tinkiseb id-dikjarazzjoni tal-qabdiet li tkun nieqsa u tista' tippenalizza lil sid il-bastiment skont id-dispożizzjonijiet previsti għal dan il-għan fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li tkun fis-seħħ. Jekk ir-reat jiġi ripetut, il-Guinea-Bissau tista' tirrifjuta li ġġedded l-awtorizzazzjoni tas-sajd. Il-Guinea-Bissau għandha tgħarraf lill-Unjoni minnufih b'kwalunkwe penali li tiġi applikata f'dan il-kuntest.

L-Istat tal-bandiera u l-Guinea-Bissau għandhom jaħtru korrispondent tal-ERS kull wieħed li se jservi bħala l-punt ta' kuntatt għall-kwistjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' dan l-Anness. L-Istat tal-bandiera u l-Guinea-Bissau għandhom jgħaddu lil xulxin id-dettalji ta' kuntatt tal-korrispondent tal-ERS tagħhom u, jekk ikun meħtieġ, għandhom jaġġornaw dik l-informazzjoni minnufih.

3. Kalkolu tal-imposti għall-bastimenti għat-tonn

Għal kull bastiment għat-tonn, l-Unjoni għandha tistabbilixxi, abbażi tal-qabdiet iddikkjarati minnu, kalkolu finali tal-imposti dovuti mill-bastiment b'rabta mal-istaġun annwali tiegħu għas-sena kalendarja preċedenti.

L-Unjoni għandha tgħarraf lill-Guinea-Bissau b'dan il-kalkolu finali sat-30 ta' April tas-sena sussegwenti, dik li matulha jkunu saru l-qabdiet. Il-Guinea-Bissau għandu jkollha xahar biex tivvalida dan il-kalkolu jew biex titlob kjarifika.

Meta l-kalkolu finali jkun ogħla mill-imposta b'rata fissa li tkun tħallset għall-ksib tal-awtorizzazzjoni tas-sajd, sid il-bastiment għandu jħallas il-bilanċ pendenti lill-Guinea-Bissau minnufih. Meta l-kalkolu finali jkun inqas mill-imposta b'rata fissa, sid il-bastiment ma jkunx jista' jirkupra l-ammont li jifdal.

KAPITOLU V

ĦATT L-ART U TRAŻBORD

1. Ħatt l-art jew trażbord tal-qabdiet

Il-kaptan ta' bastiment tal-Unjoni li jkun jixtieq iħott l-art jew jittrażborda l-ħut li jkun qabad miż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau fil-port tal-Guinea-Bissau, għandu jinnotifika lir-rappreżentant tad-Direttorat Ġenerali għas-Sajd Industrijali dwar dan li ġej, mill-inqas 24 siegħa qabel il-ħatt l-art jew it-trażbord:

(a) isem il-bastiment tal-Unjoni li se jħott l-art jew jittrażborda l-ħut;

(b) il-port tal-ħatt l-art jew tat-trażbord;

(c) id-data u l-ħin previsti għall-ħatt l-art jew għat-trażbord;

(d) il-kwantità (espressa f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, jekk ikun meħtieġ, fl-għadd ta' ħut individwali) ta' kull speċi li għandha tinħatt l-art jew tiġi ttrażbordata (identifikata bil-kodiċi alfa-3 tal-FAO tagħha);

(e) fil-każ tat-trażbord, isem il-bastiment li jkun qed jirċievi l-ħut.

Fil-każ tat-trażbord, il-kaptan irid jiżgura li l-bastiment li jkun qed jirċievi l-ħut ikollu awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti biex jagħmel dan ix-xogħol.

It-trażbord irid isir f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Guinea-Bissau u fil-port tal-Guinea-Bissau, li l-koordinati ġeografiċi tiegħu għandhom jintbagħtu lill-kaptan u lill-aġent tal-bastiment mill-awtoritajiet kompetenti. It-trażbord fuq il-baħar huwa pprojbit.

In-nuqqas ta' ħarsien ta' dawk id-dispożizzjonijiet għandu jwassal biex jiġu applikati l-penali previsti għal dan l-għan fil-leġiżlazzjoni tal-Guinea-Bissau.

2. Kontribuzzjoni *in natura* għas-sigurtà alimentari

Il-bastimenti tat-tkarkir li jwettqu attività tas-sajd fil-Guinea-Bissau huma obbligati jħottu l-art parti mill-qabdiet tagħhom fil-Guinea-Bissau għall-finijiet tas-sigurtà alimentari tal-pajjiż. Il-ħatt l-art għandu jsir kif ġej:

(a) fil-każ tal-bastimenti għall-ħut bil-pinen/għaċ-ċefalopodi, 2,5 tunnellati kull trimestru u għal kull bastiment;

(b) fil-każ tal-bastimenti għall-gambli, 1,25 tunnellata kull trimestru u għal kull bastiment.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' din il-miżura, il-kontribuzzjonijiet ta' kull bastiment jistgħu jingħataw għal diversi bastimenti f'daqqa u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni b'mod akkumulat għal diversi trimestri. Il-ħatt l-art għandu jsir fiż-żona tal-port tal-Guinea-Bissau u l-ħut għandu jingħata lir-rappreżentant tad-Direttorat Ġenerali għas-Sajd Industrijali.

F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Ftehim, il-ħatt l-art kopert minn dan il-Kapitolu għandu jħares ir-regolamenti fis-seħħ fil-Guinea-Bissau, b'mod partikolari dawk relatati mad-daqs minimu tal-ispeċijiet ikkonċernati mill-obbligu tal-ħatt l-art. Skont dan l-obbligu, il-bastimenti tal-Unjoni għandhom iħottu l-art biss speċijiet ta' ħut awtorizzati li jinqabdu skont dan il-Protokoll, inkluż il-qabdiet aċċessorji awtorizzati.

Id-Direttorat Ġenerali għas-Sajd Industrijali għandu jfassal u jiffirma b'mod sistematiku formola li tikkonferma l-wasla ta' dawn il-kontribuzzjonijiet in natura, li mbagħad għandha titgħadda lill-kaptan.

KAPITOLU VI

KONTROLL U SPEZZJONI

1. Dħul fiż-żona tas-sajd u ħruġ minnha

Kwalunkwe dħul fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau u kwalunkwe ħruġ minnha, minn bastiment tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd, irid jiġi nnotifikat lill-Guinea-Bissau fi żmien 24 siegħa qabel dan id-dħul jew dan il-ħruġ. Dan il-perjodu għandu jitnaqqas għal 4 sigħat fil-każ tal-bastimenti għat-tonn.

Meta jinnotifika d-dħul jew il-ħruġ tiegħu, il-bastiment għandu jgħaddi, b'mod partikolari, l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-data, il-ħin u l-punt ta' qsim tal-fruntiera previsti;

(b) il-kwantità ta' kull speċi miżmuma abbord, identifikata bil-kodiċi alfa-3 tal-FAO tagħha u espressa f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, fejn ikun meħtieġ, fl-għadd ta' ħut individwali;

(c) il-preżentazzjoni tal-prodotti.

Preferibbilment, in-notifika għandha tintbagħat b'email, jew, jekk dan ma jkunx possibbli, bil-fax jew bir-radju, f'indirizz elettroniku, fuq numru tat-telefown jew fuq frekwenza kkomunikata mill-Guinea-Bissau. Il-Guinea-Bissau għandha tinnotifika minnufih lill-bastimenti kkonċernati u lill-Unjoni b'kwalunkwe bidla fl-indirizzi elettroniċi, fin-numru tat-telefown jew fil-frekwenza tat-trażmissjoni.

Kwalunkwe bastiment li jinqabad jistad fiż-żona tal-Guinea-Bissau mingħajr ma jkun innotifika l-preżenza tiegħu minn qabel għandu jitqies bħala bastiment li jkun qed jistad mingħajr awtorizzazzjoni.

2. Messaġġi dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti – is-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS, Vessel Monitoring System)

Meta jkunu fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau, il-bastimenti tal-Unjoni jridu jkunu mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ bis-satellita, jiġifieri permezz tal-VMS, li tiżgura l-komunikazzjoni awtomatika u kontinwa tal-pożizzjoni tagħhom, kull siegħa, liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera tagħhom.

Huwa pprojbit li wieħed iċaqlaq, jitfi, jeqred, jagħmel ħsara jew jiddiżattiva s-sistema ta' monitoraġġ kontinwu tal-pożizzjoni permezz tal-komunikazzjoni bis-satellita li tkun abbord il-bastiment għat-trażmissjoni tad-*data*, jew li wieħed jibdel minn jeddu, ibagħbas jew jiffalsifika d-*data* li din is-sistema tittrażmetti jew tirreġistra.

In-notifiki tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni u dwar il-qabdiet għandhom jintbagħtu bi prijorità permezz tal-VMS jew tal-ERS jew, jekk dawn ikunu bil-ħsara, permezz ta' email, bil-fax jew bir-radju. Il-Guinea-Bissau għandha tinnotifika minnufih lill-bastimenti kkonċernati u lill-Unjoni b'kwalunkwe bidla fl-indirizz elettroniku, fin-numru tat-telefown jew fil-frekwenza tat-trażmissjoni.

Kull messaġġ dwar il-pożizzjoni jrid ikun fih l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identifikazzjoni tal-bastiment;

(b) il-pożizzjoni ġeografika l-iżjed riċenti tal-bastiment (il-lonġitudni, il-latitudni), b'marġni ta' errur ta' inqas minn 500 metru, u b'intervall ta' kunfidenza ta' 99 %;

(c) id-data u l-ħin tar-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni; u

(d) il-veloċità tal-bastiment u d-direzzjoni li fiha jkun qed jivvjaġġa.

Kwalunkwe bastiment li jinqabad jistad fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau mingħajr ma jkun innotifika l-preżenza tiegħu minn qabel għandu jitqies bħala bastiment li jkun qed jikser il-liġi.

3. Spezzjoni fuq il-baħar jew fil-port

L-ispezzjoni fuq il-baħar fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau, jew fil-port, tal-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd għandha ssir minn bastimenti u spetturi tal-Guinea-Bissau li jkunu identifikati b'mod ċar bħala bastimenti u spetturi maħtura sabiex iwettqu kontrolli tas-sajd.

Qabel ma jitilgħu abbord, l-ispetturi tal-Guinea-Bissau għandhom javżaw lill-bastiment tal-Unjoni bid-deċiżjoni tagħhom li jwettqu spezzjoni. L-ispezzjoni ssir minn massimu ta' żewġ spetturi, li jridu jipprovdu prova tal-identità u tal-pożizzjoni uffiċjali tagħhom bħala spetturi qabel ma jwettqu l-ispezzjoni. Jekk ikun il-każ, magħhom jista' jkun hemm rappreżentanti tal-forzi tas-sigurtà nazzjonali tal-Guinea-Bissau f'konformità mad-dritt internazzjonali tal-baħar.

L-ispetturi tal-Guinea-Bissau għandhom jibqgħu abbord il-bastiment tal-Unjoni biss għall-ħin meħtieġ sabiex iwettqu l-kompiti marbuta mal-ispezzjoni. Għandhom iwettqu l-ispezzjoni b'mod li jxejjen l-impatt fuq il-bastiment u fuq l-attività tas-sajd u l-merkanzija tiegħu.

Il-Guinea-Bissau tista' tawtorizza lil spetturi akkreditati mill-Unjoni jieħdu sehem fl-ispezzjoni bħala osservaturi.

Il-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni għandu jiffaċilita l-imbark u x-xogħol tal-ispetturi tal-Guinea-Bissau.

Fi tmiem kull spezzjoni, l-ispetturi tal-Guinea-Bissau għandhom ifasslu rapport tal-ispezzjoni. Il-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni għandu d-dritt iżid il-kummenti tiegħu fir-rapport tal-ispezzjoni. Ir-rapport tal-ispezzjoni għandu jiġi ffirmat mill-ispettur li jkun fasslu u mill-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni.

L-ispetturi tal-Guinea-Bissau għandhom jgħaddu kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni qabel ma jinżlu minn fuq il-bastiment. Il-Guinea-Bissau għandha tgħaddi kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-Unjoni fi żmien 8 ijiem mill-ispezzjoni.

4. Kontroll tal-qabdiet

Sakemm l-ERS tibda verament tintuża, kull trimestru għandhom jitwettqu kontrolli għal għarrieda, abbażi ta' sistema ta' rotazzjoni, fuq terz tal-bastimenti tat-tkarkir li huma awtorizzati jistadu, sabiex tiġi eżaminata l-konformità tal-qabdiet mal-informazzjoni ddikjarata fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd. Minn hawn 'il quddiem se tiġi riveduta l-frekwenza tal-kontroll tal-qabdiet biex titqies l-introduzzjoni tal-verifika tad-*data* dwar il-qabdiet permezz tal-ERS.

Kull kontroll għandu jsir fi tmiem il-vjaġġ wara li jingħata avviż 24 siegħa qabel u ma għandux idum aktar minn 4 sigħat.

Dawn il-kontrolli għandhom isiru f'post li l-koordinati ġeografiċi tiegħu se jintbagħtu lill-kaptan u lill-aġent tal-bastiment mill-awtoritajiet kompetenti, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Guinea-Bissau.

KAPITOLU VII

KSUR TAR-REGOLI

1. Dispożizzjonijiet ġenerali

F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Ftehim, ir-regolamenti tal-Guinea-Bissau dwar il-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd għandhom japplikaw għall-bastimenti tal-Unjoni li jwettqu attivitajiet fiż-żona tas-sajd skont dan il-Protokoll.

L-Unjoni għandha tieħu l-passi xierqa kollha biex tiżgura li l-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' wieħed mill-Istati Membri tagħha jħarsu d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u tal-leġiżlazzjoni li tirregola s-sajd fl-ilmijiet tal-Guinea-Bissau, f'konformità mal-UNCLOS.

2. Ipproċessar tal-ksur

Kwalunkwe ksur min-naħa ta' bastiment tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd b'rabta mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll għandu jiġi nnotifikat lill-Unjoni fi żmien 48 siegħa, filwaqt li tiġi indikata n-natura tal-ksur. Id-deċiżjoni dwar dan il-ksur għandha tintbagħat lill-Unjoni u lill-Istat tal-bandiera fi żmien 7 ijiem tax-xogħol.

L-iffirmar tar-rapport tal-ispezzjoni min-naħa tal-kaptan għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' sid il-bastiment li jiddefendi ruħu mill-akkuża tal-ksur allegat.

3. Detenzjoni ta' bastiment — Laqgħa ta' informazzjoni

Meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun tipprevedi dan b'rabta mal-ksur allegat, kwalunkwe bastiment tal-Unjoni li jkun wettaq ksur jista' jiġi mġiegħel iwaqqaf l-attività tas-sajd tiegħu u, f'każ li jkun qed ibaħħar, jirritorna lejn port tal-Guinea-Bissau.

Il-Guinea-Bissau għandha tinnotifika lill-Unjoni fi żmien 48 siegħa b'kwalunkwe detenzjoni ta' bastiment tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd. Ma' din in-notifika għandha tintbagħat l-evidenza tal-ksur allegat.

Qabel ma tieħu kwalunkwe miżura kontra l-bastiment, il-kaptan jew il-merkanzija kkonċernati, ħlief il-miżuri mmirati għall-ħarsien tal-evidenza, il-Guinea-Bissau għandha torganizza, fuq talba tal-Unjoni, fi żmien jum tax-xogħol min-notifika tad-detenzjoni tal-bastiment, laqgħa ta' informazzjoni sabiex jiġu ċċarati l-fatti li wasslu għad-detenzjoni tal-bastiment u sabiex jiġi spjegat x'azzjoni oħra tista' tittieħed. Rappreżentant tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment jista' jattendi din il-laqgħa ta' informazzjoni.

4. Penali għall-ksur — Proċedura ta' kompromess

Il-Guinea-Bissau għandha tistabbilixxi l-penali għall-ksur allegat skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha li tkun fis-seħħ.

Meta s-soluzzjoni għall-ksur tkun tinvolvi proċedimenti legali, qabel dawn jingħataw bidu għandha tinbeda proċedura ta' kompromess bejn il-Guinea-Bissau u l-Unjoni sabiex jiġu ddeterminati t-termini tal-penali u l-livell tagħha. Rappreżentant tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment jista' jieħu sehem f'din il-proċedura ta' kompromess. Il-proċedura ta' kompromess għandha tintemm sa mhux iktar tard minn 4 ijiem min-notifika tad-detenzjoni tal-bastiment.

5. Proċedimenti legali — Garanzija bankarja

Jekk il-proċedura ta' kompromess tfalli u l-ksur jitressaq quddiem il-qorti kompetenti, sid il-bastiment li jkun wettaq il-ksur għandu jiddepożita garanzija bankarja f'bank magħżul mill-Guinea-Bissau, li l-ammont tagħha, kif stabbilit mill-Guinea-Bissau, għandu jkun ikopri l-kostijiet marbuta mad-detenzjoni tal-bastiment, il-multa stmata u kwalunkwe kumpens li jista' jkun hemm 'il quddiem. Il-garanzija bankarja ma tistax tiġi rkuprata qabel ma jkunu ġew konklużi l-proċedimenti legali.

Il-garanzija bankarja għandha tiġi rrilaxxata u tingħata lura lil sid il-bastiment minnufih wara li tinqata' s-sentenza:

(a) kollha kemm hi, jekk ma tkun ġiet imposta l-ebda penali;

(b) skont l-ammont tal-bilanċ li jkun għad fadal, jekk il-penali tkun multa li tkun inqas mill-ammont tal-garanzija bankarja.

Il-Guinea-Bissau għandha tgħarraf lill-Unjoni bir-riżultat tal-proċedimenti legali fi żmien 8 ijiem mis-sentenza.

6. Rilaxx tal-bastiment

Il-bastiment u l-kaptan tiegħu għandhom jiġu awtorizzati jħallu l-port ladarba l-penali titħallas fi proċedura ta' kompromess, jew ladarba l-garanzija bankarja tkun ġiet iddepożitata.

KAPITOLU VIII

IMPJIEG TAS-SAJJIEDA ABBORD BASTIMENTI TAL-UNJONI

1. Għadd ta' sajjieda li għandhom jiġu imbarkati

L-operatur ta' bastiment tal-Unjoni awtorizzat skont dan il-Protokoll għandu jimbarka sajjieda mill-pajjiżi membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP) biex jaħdmu abbord il-bastiment tiegħu bħala membri tal-ekwipaġġ għad-durata tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment fil-qafas tal-Protokoll.

Matul il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu, kull bastiment tat-tkarkir demersali tal-Unjoni għandu jimbarka sajjieda mill-Guinea-Bissau fil-limiti li ġejjin:

(a) sitt sajjieda jekk ikollu kapaċità ta' inqas minn 250 GRT;

(b) seba' sajjieda jekk ikollu kapaċità ta' bejn 250 u 400 GRT;

(c) tmien sajjieda jekk ikollu kapaċità ta' iktar minn 400 GRT.

Is- sajjieda li għandhom jiġu imbarkati skont dan il-paragrafu għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Istat tal-bandiera li tittrasponi d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159 ([2]), inkluż f'dak li jirrigwarda l-passaport, il-ktieb tal-baħrin, iċ-ċertifikat mediku u t-taħriġ bażiku. Il-lista ta' rekwiżiti li jirriżultaw minn din il-leġiżlazzjoni għandha titgħadda biżżejjed minn qabel lill-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau mill-Istat tal-bandiera. Is-sajjieda mill-pajjiżi tal-OSAKP li għandhom jiġu imbarkati f'konformità ma' dan il-paragrafu għandhom ikunu jistgħu jifhmu l-lingwa ta' ħidma stabbilita abbord il-bastiment tas-sajd.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159 tad-19 ta' Diċembru 2016 li timplimenta l-Ftehim li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, konkluż fil-21 ta' Mejju 2012 bejn il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea (Cogeca), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) u l-Assoċjazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd fl-Unjoni Ewropea (Europêche) (ĠU L 25, 31.1.2017, p. 12).

L-awtoritajiet kompetenti tal-Guinea-Bissau għandhom jistabbilixxu, jaġġornaw regolarment u jgħaddu lis-sidien tal-bastimenti lista ta' sajjieda kompetenti.

Il-kaptan għandu jfassal, jiddata u jiffirma lista tal-ekwipaġġ konformi mal-Formola 5 tal-Konvenzjoni tal-OMI dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali u għandu jibgħat kopja ta' din il-lista lill-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau qabel ma l-bastiment iħalli ż-żona tal-port.

Is-sid tal-bastiment jew, fin-nuqqas tiegħu, il-kaptan, għandu jirrifjuta l-imbark ta' sajjied fuq il-bastiment tiegħu jekk dan ma jkunx jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Is-sidien tal-bastimenti tal-Unjoni għandhom jagħmlu ħilithom biex jimbarkaw aktar sajjieda nazzjonali.

2. Kundizzjonijiet tax-xogħol

Il-kundizzjonijiet li bihom is-sajjieda mill-pajjiżi tal-OSAKP jiġu imbarkati jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-Istat tal-bandiera li tittrasponi d-Direttiva (UE) 2017/159, inkluż fir-rigward tas-sigħat tax-xogħol jew tal-mistrieħ, id-drittijiet ta' ripatrijazzjoni u s-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali.

3. Kuntratt tax-xogħol tas-sajjieda

Għal kull sajjied impjegat abbord bastiment tal-Unjoni f'konformità mal-punt 1, għandu jiġi nnegozjat u ffirmat kuntratt tax-xogħol bil-miktub kemm mis-sajjied kif ukoll mill-impjegatur, li għandu wkoll jiġi approvat mill-awtorità kompetenti tal-Guinea-Bissau.

Il-ftehim jikkonforma mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Istat tal-bandiera li tittrasponi d-Direttiva (UE) 2017/159 (l-Anness I tad-Direttiva).

4. Paga tas-sajjieda

Il-kost tal-paga u kwalunkwe kost addizzjonali tax-xogħol għandhom jitħallsu direttament jew, fil-każ fejn is-sajjied ikun impjegat minn servizz privat tas-suq tax-xogħol, indirettament minn sid il-bastiment.

Is-sajjieda mill-pajjiżi tal-OSAKP għandu jkollhom paga fix-xahar jew regolari garantita, preferibbilment permezz ta' trasferiment bankarju. Din għandha tiġi stabbilita bi ftehim reċiproku bejn sidien il-bastimenti jew ir-rappreżentanti tagħhom u s-sajjieda u/jew it-trade unions jew ir-rappreżentanti tagħhom. Meta ma jkunux ġew konklużi ftehimiet kollettivi u l-pagi bażiċi minimi tal-Istati tal-bandiera ma jkunux japplikaw, il-kundizzjonijiet tal-paga bażika mogħtija lis-sajjieda mill-pajjiżi tal-OSAKP ma jistgħux ikunu inferjuri għall-istandards tal-ILO.

Is-sajjieda ma għandhomx għalfejn iġarrbu kwalunkwe kost potenzjali tal-pagamenti li jirċievu. Is-sajjieda għandu jkollhom il-mezzi biex jibagħtu b'xejn lill-familji tagħhom il-pagamenti kollha li jirċievu, jew parti minnhom, inkluż il-pagamenti bil-quddiem.

Is-sajjieda għandhom jirċievu payslip għal kull paga li jirċievu u, jekk jitolbuha, prova li l-paga ntbagħtet.

5. Sigurtà soċjali

Il-Guinea-Bissau għandha tiżgura li s-sajjieda residenti abitwali fit-territorju tagħha u d-dipendenti tagħhom, sa fejn previst mil-liġi nazzjonali, ikunu intitolati għall-protezzjoni soċjali b'kundizzjonijiet mhux inqas favorevoli minn dawk applikabbli għal ħaddiema oħra, b'mod partikolari l-impjegati u l-persuni li jaħdmu għal rashom, li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju tagħha.

6. Servizzi privati ta' reklutaġġ u kollokament għas-sajjieda

Is-servizzi privati tas-suq tax-xogħol jinkludu servizz privat ta' reklutaġġ u kollokament għas-sajjieda, jiġifieri kwalunkwe persuna, kumpanija, istituzzjoni, aġenzija jew organizzazzjoni oħra, inkluż l-aġenti magħżula mis-sidien tal-bastimenti, li jwettqu attivitajiet ta' reklutaġġ ta' sajjieda f'isem is-sidien tal-bastimenti jew ta' kollokament ta' sajjieda mas-sidien tal-bastimenti.

L-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau għandhom jiżguraw li l-aġenti li jfornu servizzi ta' reklutaġġ u ta' kollokament kemm lis-sajjieda kif ukoll lis-sidien tal-bastimenti:

(a) ma jużaw l-ebda mezz, mekkaniżmu jew lista bl-għan li jipprevjenu jew jiskoraġġixxu lis-sajjieda milli jsibu impjieg;

(b) ma jimponux fuq is-sajjieda, fi flus jew in natura, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, tariffi jew kostijiet oħra marbuta mas-servizzi tas-suq tax-xogħol tagħhom;

(c) ma jagħtux b'self u lanqas ma jfornu oġġetti jew servizzi lis-sajjieda li jridu jiġu rimborżati jew imħallsa mis-sajjieda stess;

(d) ma jnaqqsux mill-paga tas-sajjieda kwalunkwe ammont bħala ħlas jew ir-rimborż ta' kwalunkwe self, ta' oġġetti jew ta' servizzi fornuti qabel mas-sajjied ikun ġie impjegat; u

(e) jiżguraw li:

(i) il-kuntratt tax-xogħol tas-sajjied ikun jikkonforma ma' dan il-Kapitolu, mal-leġiżlazzjonijiet, mar-regolamenti u mal-ftehimiet ta' negozjar kollettivi li jirregolaw il-kuntratt tax-xogħol tas-sajjied;

(ii) il-kuntratt tax-xogħol tas-sajjied jitfassal b'lingwa mifhuma mis-sajjied u bil-lingwa uffiċjali jew tax-xogħol tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni kkonċernat;

(iii) is-sajjieda impjegati jiġu infurmati bid-drittijiet u bl-obbligi tagħhom qabel ma jiffirmaw il-kuntratt tax-xogħol tagħhom;

(iv) jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex is-sajjieda impjegati jkunu jistgħu jeżaminaw it-termini tal-kuntratt tax-xogħol tagħhom u jitolbu parir dwaru qabel ma jiffirmawh;

(v) is-sajjieda impjegati jirċievu kopja ffirmata tal-kuntratt tax-xogħol tagħhom;

(vi) is-sajjieda jħarsu l-obbligi tagħhom skont dan il-Kapitolu; u

(vii) is-sid tal-bastiment jirċievi kopja ta' kull payslip u prova tal-ħlas f'waqthom ma' kull paga li tintbagħat, jekk il-pagi jkunu f'idejn l-aġent.

L-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau għandhom jiżguraw li l-uffiċjali nazzjonali li jimpjegaw sajjieda stazzjonati abbord bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jiżguraw li l-kuntratti tax-xogħol tas-sajjieda iffirmati ma' dawk is-sajjieda jindikaw li huma impjegati mill-aġent, bil-ħsieb li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tas-sidien tal-bastimenti li jassenjawlhom il-kompiti u jissorveljaw il-prestazzjoni tagħhom.

B'deroga mill-punt (b), tat-tieni subparagrafu, il-kostijiet relatati mal-kisba ta' ktieb tas-sajjieda, ta' ċertifikat mediku u ta' passaport għandhom jitħallsu mis-sajjied. Il-kostijiet tal-kisba ta' viża u ta' permess tax-xogħol, jekk applikabbli, huma r-responsabbiltà tal-impjegatur.

7. Ħarsien ta' dan il-kapitolu

L-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Partijiet għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni applikabbli għas-sajjieda tkun aċċessibbli faċilment u mingħajr ħlas f'forma komprensiva u trasparenti.

L-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-Kapitolu f'konformità mal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali u f'konformità mal-obbligi stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

L-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera għandhom jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tal-paragrafi 1, 2 u 3 abbord bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom. Dawn jeżerċitaw ir-responsabbiltà tagħhom f'konformità mal-linji gwida tal-ILO għall-Ispezzjoni mill-Istat tal-Bandiera tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol fuq il-Bastimenti tas-Sajd.

Il-Kummissjoni Konġunta għandha timmonitorja l-ħarsien tal-obbligi stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

KAPITOLU IX

OSSERVATURI

1. Osservazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd

Il-bastimenti li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd għandhom ikunu soġġetti għal skema ta' osservazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd li jwettqu fil-kuntest tal-Ftehim.

Osservatur huwa kwalunkwe persuna li tingħata s-setgħa minn awtorità nazzjonali li tosserva l-implimentazzjoni tar-regoli li japplikaw għall-operazzjonijiet tas-sajd jew li tosserva dawn l-operazzjonijiet għal skopijiet xjentifiċi.

Fil-każ tal-bastimenti għat-tonn u tal-bastimenti tas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin kif ukoll lill-pajjiżi kkonċernati l-oħra malajr kemm jista' jkun b'rabta mad-definizzjoni ta' sistema ta' osservaturi reġjonali u mal-għażla tal-organizzazzjoni kompetenti tas-sajd.

Il-bastimenti l-oħra għandhom jimbarkaw osservatur maħtur mill-Guinea-Bissau. Jekk l-osservatur ma jitfaċċax fil-ħin u fil-post maqbulin, postu jrid jieħdu xi ħadd ieħor sabiex il-bastiment ikun jista' jibda l-attivitajiet tiegħu minnufih.

2. Bastimenti u osservaturi ddeżinjati

Meta toħroġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd, il-Guinea-Bissau għandha tgħarraf lill-Unjoni u lil sid il-bastiment, jew lill-aġent tiegħu, bil-bastimenti u bl-osservaturi ddeżinjati, kif ukoll bil-ħin li matulu l-osservatur ikun se jinsab abbord kull bastiment. Il-Guinea-Bissau għandha tgħarraf minnufih lill-Unjoni u lil sid il-bastiment, jew lill-aġent tiegħu, b'kull bidla marbuta mal-bastimenti u l-osservaturi ddeżinjati.

L-osservatur ma għandux iqatta' iżjed ħin abbord il-bastiment milli għandu bżonn biex iwettaq il-kompiti tiegħu.

3. Kontribuzzjoni finanzjarja b'rata fissa

Meta jħallas l-imposta, sid il-bastiment għandu jħallas lill-Guinea-Bissau, għal kull bastiment tat-tkarkir, l-ammont ta' EUR 10 000 fis-sena, aġġustat *pro rata temporis* skont id-durata tal-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-bastimenti ddeżinjati.

4. Paga tal-osservatur

Il-Guinea-Bissau għandha tħallas il-paga u l-kontribuzzjonijiet soċjali tal-osservatur.

5. Kundizzjonijiet tal-imbark

Meta jkun abbord, l-osservatur għandu jiġi ttrattat bħala uffiċjal. Madankollu, l-akkomodazzjoni tal-osservatur abbord għandha tqis l-istruttura teknika tal-bastiment.

Sid il-bastiment għandu jħallas il-kostijiet marbuta mal-akkomodazzjoni u mal-ikel ipprovduti lill-osservatur abbord il-bastiment.

Il-kaptan għandu jagħmel ħiltu biex jiżgura s-sigurtà fiżika u l-benesseri tal-osservatur.

L-osservatur għandu jingħata l-faċilitajiet kollha meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tiegħu. Għandu jkollu aċċess għall-mezzi ta' komunikazzjoni, għad-dokumenti marbutin mal-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment, b'mod partikolari l-ġurnal ta' abbord tas-sajd u l-ġurnal tan-navigazzjoni, kif ukoll għall-partijiet tal-bastiment li huma marbutin b'mod dirett mal-kompiti tiegħu.

6. Obbligi tal-osservatur

Waqt li jkun abbord l-osservatur għandu:

(a) jieħu l-miżuri xierqa kollha sabiex ma jinterrompix jew ifixkel l-operazzjonijiet tas-sajd;

(b) iħares l-oġġetti u t-tagħmir li jkun hemm abbord;

(c) iħares in-natura kunfidenzjali ta' kwalunkwe dokument tal-bastiment.

7. L-imbark u l-iżbark tal-osservatur

Sid il-bastiment jew l-aġent tiegħu għandu jgħarraf lill-Guinea-Bissau, 10 ijiem qabel l-imbark, bid-data, bil-ħin u bil-port tal-imbark tal-osservatur. Jekk l-osservatur jiġi imbarkat f'pajjiż barrani, sid il-bastiment għandu jħallas il-kostijiet marbuta mal-ivvjaġġar tiegħu lejn il-port tal-imbark.

Meta l-osservatur ma jiġix żbarkat f'port tal-Guinea-Bissau, sid il-bastiment għandu jiżgura r-ritorn tal-osservatur lura lejn il-Guinea-Bissau mill-aktar fis possibbli u jħallas il-kostijiet relatati hu.

8. Kompiti tal-osservatur

L-osservaturi għandhom iwettqu l-kompiti li ġejjin:

(a) josservaw l-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment;

(b) jivverifikaw il-pożizzjoni tal-bastiment waqt l-operazzjonijiet tas-sajd tiegħu;

(c) iwettaqu attivitajiet fil-kuntest tal-programmi xjentifiċi, inkluż kampjunar bijoloġiku;

(d) jagħmlu lista tal-irkaptu tas-sajd użat;

(e) jivverifikaw id-*data* dwar il-qabdiet li jkunu saru fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau li tkun irrappurtata fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd;

(f) jivverifikw il-perċentwali tal-qabdiet aċċessorji abbażi ta' dak li huwa ddefinit fl-iskedi tekniċi għal kull kategorija u jistma l-qabdiet skartati;

(g) għandhom jgħaddu l-osservazzjonijiet tagħhom darba kuljum fil-kuntest tat-twettiq tal-kompiti tagħhom, fosthom il-kwantità ta' qabdiet ewlenin u aċċessorji abbord.

9. Rapport tal-osservatur

Qabel ma jinżel minn fuq il-bastiment, l-osservatur għandu jippreżenta dikjarazzjoni tal-osservazzjonijiet tiegħu lill-kaptan tal-bastiment. Il-kaptan tal-bastiment għandu jkollu d-dritt li jżid il-kummenti tiegħu. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi ffirmata mill-osservatur u mill-kaptan. L-osservatur għandu jippreżenta lill-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau responsabbli mill-kontroll u mis-sorveljanza, immedjatament wara li jiżbarka, id-dikjarazzjoni oriġinali u r-rapport finali tal-missjoni ffirmati u ttimbrati kif xieraq mill-kaptan tal-bastiment, li għandu jirċievi kopja tagħhom mingħand l-osservatur. L-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau għandhom jibagħtu kopja tad-dokumenti kollha lill-Unjoni.

APPENDIĊIJIET

Appendiċi 1 – Formola tat-talba għal awtorizzazzjoni tas-sajd

Appendiċi 2 – Skedi tekniċi għal kull kategorija

Appendiċi 3 – Ipproċessar tad-*data* personali

Appendiċi 1

FORMOLA TAT-TALBA GĦAL AWTORIZZAZZJONI TAS-SAJD

FTEHIM TA' SĦUBIJA FIS-SETTUR TAS-SAJD IL-GUINEA-BISSAU – L-UNJONI EWROPEA

I. APPLIKANT

1. Isem l-applikant:.....

2. Isem l-organizzazzjoni ta' produtturi (OP) jew sid il-bastiment:.....

3. Indirizz tal-OP jew ta' sid il-bastiment: .....

4. Numru tat-telefown: .....Fax: ..... Email: .....

5. Isem il-kaptan:.....Nazzjonalità: ... Email: .....

6. Isem l-aġent lokali u l-indirizz tiegħu: .....

II. IDENTIFIKAZZJONI TAL-BASTIMENT

7.Isem il-bastiment: .....

8.Stat tal-bandiera:..... Port tar-reġistrazzjoni:.....

9.Immarkar estern:..... MMSI: .....Numru tal-OMI: .....

10.Data tar-reġistrazzjoni tal-bandiera attwali (JJ/XX/SSSS): …/…/…

11.Bandiera preċedenti (jekk kien hemm):.....

12.Post tal-kostruzzjoni: ..... Data (JJ/XX/SSSS): …/…/…

13.Frekwenza tas-sejħa bir-radju: ..... HF: ..... VHF:.....

14.Numru tat-telefown bis-satellita .....IRCS: .....

III. KARATTERISTIĊI TEKNIĊI TAL-BASTIMENT

15.Tul totali tal-bastiment (f'metri):..... Wisa' totali (f'metri):.....

16.Tunnellaġġ gross irreġistrat (f'GRT): ....

17.Tunnellaġġ (f'tunnellaġġ gross skont il-konvenzjoni ta' Londra):.....

18.Tip ta' magna: .....Qawwa tal-magna (f'kW): .....

19.Għadd ta' membri tal-ekwipaġġ:.....

20.Metodu ta' konservazzjoni abbord: ☐ fis-silġ ☐ fil-friġġ ☐ taħlita ta' metodi ☐ fil-friża

21. Kapaċità ta' pproċessar kuljum (fuq 24 siegħa) f'tunnellati: .....

Għadd ta' stivi għall-ħut: .....Kapaċità totali tal-istivi għall-ħut (f'm^3): .....

22. VMS. Dettalji dwar l-istrument għall-monitoraġġ awtomatiku tal-pożizzjoni: .....

Manifattur: .....Mudell:.....Numru tas-serje: .....

Verżjoni tas-software: ….....Operatur tas-satellita (MCSP): ….....

IV. ATTIVITÀ TAS-SAJD

1. Bastimenti tat-tkarkir mgħammra bi friża għall-ħut bil-pinen, għaċ-ċefalopodi u għall-gambli

Tip ta' xibka tat-tkarkir: Għall-ħut: ☐ Għaċ-ċefalopodi: ☐ Għall-gambli: ☐

Tul tax-xibka tat-tkarkir:.....Tul tal-lett: .....

Daqs tal-malji fil-manka: .....

Daqs tal-malji fil-ġwienaħ: .....

Veloċità tat-tkarkir:.....

2. Sajd għall-ħut pelaġiku kbir (għat-tonn)

Bil-qasab u x-xlief: ☐ Għadd ta' qasab u xlief: ……

Bit-tartaruni: ☐ Tul tax-xibka:.....Fond tax-xibka:.....

Bil-konzijiet: ☐

Għadd ta' tankijiet:.....Kapaċità f'tunnellati: .....

3. Sajd għall-ħut pelaġiku żgħir

Bix-xbieki tat-tkarkir pelaġiku: ☐

Tul tax-xibka tat-tkarkir:.....Tul tal-lett: .....

Daqs tal-malji fil-manka: .....Daqs tal-malji fil-ġwienaħ: .....

Veloċità tat-tkarkir:.....

Bit-tartaruni tal-borża: ☐

Tul tax-xibka:.....Fond tax-xibka:.....

4. Post fejn isir il-ħatt l-art tal-qabdiet: .....

5. Liċenzja mitluba għall-perjodu

minn (JJ/XX/SSSS).....sa (JJ/XX/SSSS) .....

Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-informazzjoni pprovduta f'din il-formola hija veritiera, akkurata u ġenwina.

Magħmul fi,..... fi …/…/…

Firma tal-applikant: .....

Appendiċi 2

SKEDI TEKNIĊI GĦAL KULL KATEGORIJA

SKEDA 1

KATEGORIJA TAS-SAJD NUMRU 1 – BASTIMENTI TAT-TKARKIR MGĦAMMRA BI FRIŻA GĦALL-ĦUT BIL-PINEN U GĦAĊ-ĊEFALOPODI

1.	Żona tas-sajd:
	Lil hinn minn 12-il mil nawtiku mil-linja bażi, fosthom iż-żona ta' ġestjoni komuni ta' bejn il-Guinea-Bissau u s-Senegal, li tasal sal-angolu ażimut ta' 268º fit-Tramuntana.
2.	Rkaptu awtorizzat:
	Huma awtorizzati x-xbieki standard tat-tkarkir bid-diriġenti u rkaptu selettiv ieħor. It-tanguni huma awtorizzati. Kwalunkwe tip ta' rkaptu tas-sajd huwa pprojbit milli juża' l-mezzi jew it-tagħmir kollu sabiex jimblokka l-malji tax-xbieki jew inaqqas l-azzjoni selettiva tagħhom. Madankollu, sabiex jiġi evitat li x-xbieki jitherrew jew jiċċarrtu, man-naħa ta' taħt tal-manka ta' xibka tat-tkarkir tal-qiegħ jista' jitwaħħal biss inforr tat-taħkik magħmul mix-xbiek jew minn xi drapp ieħor. Dan l-inforr għandu jitwaħħal biss mat-truf ta' quddiem u tal-ġnub tal-manka tax-xibka tat-tkarkir. Għan-naħa ta' fuq tax-xibka tat-tkarkir jista' jintuża tagħmir ta' protezzjoni, iżda dan irid ikun magħmul minn biċċa xibka unika li tkun magħmula mill-istess materjal tal-manka u li l-malji tagħha jkunu ta' mill-inqas 300 millimetru meta jkunu stirati. Huwa pprojbit li wieħed jirdoppja r-raden, sempliċi jew immaljat, tal-manka.
3.	Daqs minimu awtorizzat tal-malji:
	70 mm
4.	Qabdiet aċċessorji:
	Skont is-sistema tal-ġestjoni tal-isforz, abbażi tal-GRT, l-għadd ta' krustaċji li l-bastimenti jkollhom abbord fi tmiem kull vjaġġ ma jridx ikun iktar minn 5 % tal-qabdiet kollha li jkunu għamlu fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau. Il-qbid tat-totlu (*Todarodes sagittatus* u *Todaropsis eblanae*) huwa awtorizzat u jingħadd mal-ispeċijiet fil-mira. Mit-tranżizzjoni lejn sistema ta' ġestjoni bbażata fuq il-limitu tal-qbid, jiġifieri abbażi tat-TAC, il-Partijiet se jikkonsultaw lil xulxin fi ħdan il-Kumitat Konġunt biex jiddeterminaw ir-rati awtorizzati tal-qabdiet aċċessorji, abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt. Kwalunkwe qbiż tal-perċentwali tal-qabdiet aċċessorji awtorizzati għandu jiġi ppenalizzat f'konformità mar-regolamenti tal-Guinea-Bissau.
5.	Tunnellaġġ awtorizzat / imposti:

5.1. Tunnellaġġ awtorizzat skont is-sistema ta' ġestjoni tal-isforz (abbażi tal-GRT)	3 500 GRT fis-sena
5.2. Imposti f'EUR għal kull GRT fis-sistema tal-ġestjoni tal-isforz	EUR 310 għal kull GRT fis-sena Fil-każ tal-awtorizzazzjonijiet ta' 3 xhur jew ta' 6 xhur, l-imposti għandhom jiġu kkalkulati *pro rata temporis* u jiżdiedu b'4 % jew bi 2,5 % rispettivament.

SKEDA 2

KATEGORIJA TAS-SAJD NUMRU 2 – BASTIMENTI TAT-TKARKIR GĦALL-GAMBLI

1. Żona tas-sajd:

Lil hinn minn 12-il mil nawtiku mil-linja bażi, fosthom iż-żona ta' ġestjoni komuni ta' bejn il-Guinea-Bissau u s-Senegal, li tasal sal-angolu ażimut ta' 268° fit-Tramuntana.

2. Rkaptu awtorizzat:

Ix-xbieki standard tat-tkarkir bid-diriġenti u rkaptu selettiv ieħor huma awtorizzati.

It-tanguni huma awtorizzati.

Kwalunkwe tip ta' rkaptu tas-sajd huwa pprojbit milli juża' l-mezzi jew it-tagħmir kollu sabiex jimblokka l-malji tax-xbieki jew inaqqas l-azzjoni selettiva tagħhom. Madankollu, sabiex jiġi evitat li x-xbieki jitherrew jew jiċċarrtu, man-naħa ta' taħt tal-manka ta' xibka tat-tkarkir tal-qiegħ jista' jitwaħħal biss inforr tat-taħkik magħmul mix-xbiek jew minn xi drapp ieħor. Dan l-inforr għandu jitwaħħal biss mat-truf ta' quddiem u tal-ġnub tal-manka tax-xibka tat-tkarkir. Għan-naħa ta' fuq tax-xibka tat-tkarkir jista' jintuża tagħmir ta' protezzjoni, iżda dan irid ikun magħmul minn biċċa xibka unika li tkun magħmula mill-istess materjal tal-manka u li l-malji tagħha jkunu ta' mill-inqas 300 millimetru meta jkunu stirati.

Huwa pprojbit li wieħed jirdoppja r-raden, sempliċi jew immaljat, tal-manka.

3. Daqs minimu awtorizzat tal-malji:

50 mm

4. Qabdiet aċċessorji:

L-għadd ta' ċefalopodi u ta' ħut li l-bastimenti tat-tkarkir għall-gambli jkollhom abbord fi tmiem kull vjaġġ ma jridx ikun iktar minn 15 % u minn 70 %, rispettivament, tal-qabdiet kollha li jkunu għamlu fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau.

Kwalunkwe qbiż tal-perċentwali tal-qabdiet aċċessorji awtorizzati għandu jiġi ppenalizzat f'konformità mar-regolamenti tal-Guinea-Bissau.

Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt sabiex jadattaw ir-rata awtorizzata abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt.

5. Tunnellaġġ awtorizzat / imposti:

5.1. Tunnellaġġ awtorizzat skont is-sistema ta' ġestjoni tal-isforz (abbażi tal-GRT)	3 700 GRT fis-sena
5.2. Imposti f'EUR għal kull GRT fis-sistema tal-ġestjoni tal-isforz	EUR 434 għal kull GRT fis-sena Fil-każ tal-awtorizzazzjonijiet ta' 3 xhur jew ta' 6 xhur, l-imposti għandhom jiġu kkalkulati *pro rata temporis* u jiżdiedu b'4 % jew bi 2,5 % rispettivament.

SKEDA 3

KATEGORIJA TAS-SAJD NUMRU 3 – BASTIMENTI TAT-TONN BIL-QASAB U X-XLIEF

1. Żona tas-sajd:

Lil hinn minn 12-il mil nawtiku mil-linja bażi, fosthom iż-żona ta' ġestjoni komuni ta' bejn il-Guinea-Bissau u s-Senegal, li tasal sal-angolu ażimut ta' 268º fit-Tramuntana.

Il-bastimenti tat-tonn bil-qasab u x-xlief huma awtorizzati jistadu għal-lixka ħajja sabiex iwettqu l-vjaġġi tas-sajd tagħhom fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau.

2. Rkaptu awtorizzat:

2.1. Qasab u xlief

2.2. It-tartaruni tal-borża bil-lixka ħajja: 16 mm.

3. Qabdiet aċċessorji:

F'konformità mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi u mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-ICCAT, is-sajd għall-gabdoll (*Cetorhinus maximus*), għall-kelb l-abjad (*Carcharodon carcharias*), għall-pixxivolpi għajnu kbira (*Alopias superciliosus*), għall-kurazzi tal-familja *Sphyrnidae* (ħlief il-kurazza tiburo), għall-kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku (*Carcharhinus longimanus*) u għall-kelb il-baħar ħariri (*Carcharhinus falciformis*) għandu jkun ipprojbit. Is-sajd għat-tawru (*Carcharias taurus*) u għall-kelb il-baħar (*Galeorhinus galeus*) għandu jkun ipprojbit.

Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt sabiex jaġġornaw din il-lista abbażi tar-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi.

4. Tunnellaġġ awtorizzat / imposti:

4.1. Ammont annwali b'rata fissa bil-quddiem	EUR 3 600 għal 51,43 tunnellata għal kull bastiment
4.2. Imposta addizzjonali għal kull tunnellata mistada	EUR 70 għal kull tunnellata
4.3. Għadd ta' bastimenti awtorizzati jistadu	13-il bastiment

SKEDA 4

KATEGORIJA TAS-SAJD NUMRU 3 – BASTIMENTI TAT-TONN BIT-TARTARUNI MGĦAMMRA BI FRIŻA U BASTIMENTI TAS-SAJD BIL-KONZIJIET

1. Żona tas-sajd:

Lil hinn minn 12-il mil nawtiku mil-linja bażi, fosthom iż-żona ta' ġestjoni komuni ta' bejn il-Guinea-Bissau u s-Senegal, li tasal sal-angolu ażimut ta' 268º fit-Tramuntana.

2. Rkaptu awtorizzat:

Tartaruni u konzijiet tal-wiċċ

3. Qabdiet aċċessorji:

F'konformità mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi u mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-ICCAT, is-sajd għall-gabdoll (*Cetorhinus maximus*), għall-kelb l-abjad (*Carcharodon carcharias*), għall-pixxivolpi għajnu kbira (*Alopias superciliosus*), għall-kurazzi tal-familja *Sphyrnidae* (ħlief il-kurazza tiburo), għall-kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku (*Carcharhinus longimanus*) u għall-kelb il-baħar ħariri (*Carcharhinus falciformis*) għandu jkun ipprojbit. Is-sajd għat-tawru (*Carcharias taurus*) u għall-kelb il-baħar (*Galeorhinus galeus*) għandu jkun ipprojbit.

Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt sabiex jaġġornaw din il-lista abbażi tar-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi.

4. Tunnellaġġ awtorizzat / imposti:

4.1. Ammont annwali b'rata fissa bil-quddiem	EUR 5 500 li jikkorrispondu għal 68,75 tunnellata għal kull bastiment bit-tartaruni għall-ewwel żewġ perjodi ta' applikazzjoni tal-Protokoll u għal 64,71 tunnellata għal kull bastiment bit-tartaruni għall-perjodi ta' applikazzjoni li ġejjin EUR 3 600 għal 51,43 tunnellata għal kull bastiment tas-sajd bil-konzijiet
4.2. Imposta addizzjonali għal kull tunnellata mistada	EUR 80 għal kull tunnellata għall-bastimenti bit-tartaruni għall-ewwel żewġ perjodi ta' applikazzjoni tal-Protokoll, u EUR 85 għal kull tunnellata għall-bastimenti bit-tartaruni għall-perjodi ta' applikazzjoni li ġejjin EUR 70 għal kull tunnellata għall-bastimenti tas-sajd bil-konzijiet
4.3. Imposti applikabbli għall-bastimenti ta' appoġġ	EUR 5 000 fis-sena għal kull bastiment
4.4. Għadd ta' bastimenti awtorizzati jistadu	28 bastiment

SKEDA 5

KATEGORIJA TAS-SAJD NUMRU 5 – BASTIMENTI TAS-SAJD GĦALL-ĦUT PELAĠIKU Ż-ŻGĦIR

1. Żona tas-sajd:

Lil hinn minn 12-il mil nawtiku mil-linja bażi, fosthom iż-żona ta' ġestjoni komuni ta' bejn il-Guinea-Bissau u s-Senegal, li tasal sal-angolu ażimut ta' 268º fit-Tramuntana.

2. Bastimenti u rkaptu awtorizzati:

2.1. Il-bastimenti b'kapaċità ta' 5 000 tunnellaġġ gross jew inqas biss huma awtorizzati f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Guinea-Bissau.

2.2. L-irkaptu awtorizzat huwa x-xbieki tat-tkarkir pelaġiku u t-tartaruni tal-borża għas-sajd industrijali.

3. Daqs minimu awtorizzat tal-malji:

70 mm għax-xbieki tat-tkarkir.

4. Qabdiet aċċessorji:

L-għadd ta' ħut, ħlief dak pelaġiku, ta' ċefalopodi u ta' krustaċji li l-bastimenti tat-tkarkir jkollhom abbord fi tmiem kull vjaġġ ma jridx ikun iktar minn 10 %, minn 10 % u minn 5 %, rispettivament, tal-qabdiet kollha li jkunu għamlu fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau.

Kwalunkwe qbiż tal-perċentwali tal-qabdiet aċċessorji awtorizzati għandu jiġi ppenalizzat f'konformità mar-regolamenti tal-Guinea-Bissau.

Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt sabiex jadattaw ir-rata awtorizzata abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt.

5. Tunnellaġġ awtorizzat / imposti:

5.1. Tunnellaġġ awtorizzat skont sistema ta' ġestjoni bbażata fuq il-limitu tal-qbid (jiġifieri abbażi tat-TAC)	0 tunnellati fis-sena
5.2. Imposti f'EUR għal kull tunnellata f'sistema ta' ġestjoni bbażata fuq il-limitu tal-qbid (jiġifieri abbażi tat-TAC)	Għad iridu jiġu ddeterminati

Id-definizzjoni ta' vjaġġ:

Għall-finijiet ta' dan l-Appendiċi, id-durata ta' vjaġġ ta' bastiment tal-Unjoni huwa ddefinit kif ġej:

— il-perjodu ta' bejn id-dħul fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau u l-ħruġ minnha; jew

— il-perjodu ta' bejn id-dħul fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau u xi trażbord; jew

— il-perjodu ta' bejn id-dħul fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau u xi ħatt l-art fl-istess pajjiż.

Appendiċi 3

IPPROĊESSAR TAD-DATA PERSONALI

1. Definizzjonijiet u kamp ta' applikazzjoni

1.1. Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan l-Appendiċi, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 2 tal-Ftehim u d-definizzjonijiet li ġejjin:

— "*data* personali": l-informazzjoni kollha dwar persuna fiżika identifikata jew identifikabbli (minn hawn "il quddiem imsejħa 'suġġett tad-*data*'); persuna fiżika identifikabbli hija persuna li tista" tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal identifikatur bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, *data* ta' lokalizzazzjoni;

— "ipproċessar": kwalunkwe operazzjoni jew sett ta' operazzjonijiet li jitwettqu fuq *data* personali jew fuq settijiet ta' *data* personali, sew jekk b'mezzi awtomatizzati u sew jekk mingħajrhom, bħall-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħażna, l-adattament jew il-modifikazzjoni, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, l-iżvelar bi trażmissjoni, id-disseminazzjoni jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b'xi mezz ieħor, l-allinjament jew il-kombinament, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda;

— "awtorità trasferenti": l-awtorità pubblika li tibgħat id-*data* personali;

— "awtorità destinatarja": l-awtorità pubblika li tirċievi d-*data* personali;

— "vjolazzjoni tad-*data*": vjolazzjoni tas-sigurtà li jwassal għall-qerda, t-telf, l-alterazzjoni, l-iżvelar mhux awtorizzati aċċidentali jew illegali tad-*data* personali trażmessa, maħżuna jew ipproċessata b'xi mod ieħor, jew l-aċċess mhux awtorizzat għaliha;

— "trasferiment ulterjuri": it-trasferiment tad-*data* personali minn parti riċeventi lil entità li mhijiex parti firmatarja f'dan il-Protokoll ("parti terza");

— "awtorità superviżorja": awtorità pubblika indipendenti responsabbli mis-superviżjoni tal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, sabiex tipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali.

1.2. Kamp ta' applikazzjoni

Il-persuni kkonċernati minn dan il-Protokoll huma b'mod partikolari l-persuni fiżiċi li huma sidien ta' bastimenti tal-Unjoni, ir-rappreżentanti tagħhom, il-kaptan u l-ekwipaġġ li jaħdmu abbord bastimenti tal-Unjoni li joperaw skont dan il-Protokoll.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, b'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għotjiet, il-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd u l-ġlieda kontra s-sajd illegali, id-*data* li ġejja tista' tiġi skambjata u pproċessata ulterjorment:

— l-identifikazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-bastiment;

— l-attivitajiet ta' bastiment jew dawk relatati miegħu, il-pożizzjoni u l-movimenti tiegħu, l-attività tas-sajd tiegħu jew l-attività tiegħu marbuta mas-sajd, miġbura permezz ta' kontrolli, spezzjonijiet jew osservaturi;

— id-*data* dwar is-sid(ien) tal-bastiment jew tar-rappreżentant tiegħu/tagħhom, bħall-isem, in-nazzjonalità, id-dettalji ta' kuntatt professjonali u l-kont bankarju professjonali,

— id-*data* dwar l-aġent lokali, bħall-isem, in-nazzjonalità u d-dettalji ta' kuntatt professjonali,

— id-*data* dwar il-kaptani u l-membri tal-ekwipaġġ, bħall-isem, in-nazzjonalità, il-pożizzjoni u, fil-każ tal-kaptan, id-dettalji ta' kuntatt,

— id-*data* relatata mas-sajjieda imbarkati, bħall-isem, id-dettalji ta' kuntatt, it-taħriġ, iċ-ċertifikat tas-saħħa.

1.3. Awtoritajiet responsabbli

L-awtoritajiet responsabbli mill-ipproċessar tad-*data* huma, min-naħa waħda, il-Kummissjoni Ewropea u l-awtorità tal-Istat Membru tal-bandiera għall-Unjoni, u min-naħa l-oħra, l-awtorità kompetenti maħtura mill-Guinea-Bissau.

2. Salvagwardji għall-protezzjoni tad-*data* personali

2.1. Limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-*data*

Id-*data* personali mitluba u ttrasferita skont dan il-Protokoll hija adegwata, rilevanti u limitata għal dak li huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, jiġifieri għall-ipproċessar tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u għall-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet imwettqa mill-bastimenti tal-Unjoni. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw id-*data* personali skont dan il-Protokoll biss għall-finijiet speċifiċi stabbiliti fih.

Id-*data* li tasal ma għandhiex tiġi pproċessata għal skopijiet oħra għajr għal dawk imsemmija hawn fuq, inkella għandha tiġi anonimizzata.

Fuq talba, l-awtorità destinatarja għandha tgħarraf lill-awtorità trasferenti dwar l-użu tad-*data* pprovduta minnufih.

2.2. Akkuratezza

Il-Partijiet għandhom jiżguraw li d-*data* personali ttrasferita skont dan il-Protokoll tkun akkurata, attwali u, fejn xieraq, aġġornata regolarment abbażi tal-għarfien tal-awtorità trasferenti. Jekk waħda mill-Partijiet issib li d-*data* personali trasferita jew dik li tasal ma tkunx akkurata, din għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra minnufih u tikkoreġiha u taġġornaha kif meħtieġ.

2.3. Limitazzjoni tal-ħżin

Id-*data* personali ma għandhiex tinżamm għal aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-objettiv li għalih tkun ġiet skambjata, u għandha tinżamm għal massimu ta' sena wara l-iskadenza ta' dan il-Protokoll, sakemm id-*data* ma tkunx meħtieġa biex tippermetti s-segwitu ta' ksur tal-liġi, ta' spezzjoni jew ta' proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi. F'dan il-każ, id-*data* tista' tinżamm sakemm ikun meħtieġ biex jiġi segwit il-ksur jew l-ispezzjoni jew sal-konklużjoni finali tal-proċediment ġudizzjarju jew amministrattiv.

Jekk id-*data* personali tinħażen għal żmien itwal, din għandha tiġi anonimizzata.

2.4. Sigurtà u kunfidenzjalità

Id-*data* personali għandha tiġi pproċessata b'tali mod li tiġi żgurata s-sigurtà xierqa tagħha, filwaqt li jitqiesu r-riskji speċifiċi tal-ipproċessar, inkluż il-protezzjoni kontra l-ipproċessar mhux awtorizzat jew illegali u kontra t-telf, il-qerda jew il-ħsara aċċidentali. L-awtoritajiet inkarigati mill-ipproċessar għandhom jindirizzaw kwalunkwe vjolazzjoni tad-*data* u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirrimedjaw kwalunkwe effett negattiv tal-vjolazzjoni tad-*data* personali u jtaffu l-effetti negattivi possibbli tagħha. L-awtorità destinatarja għandha tinnotifika din il-vjolazzjoni lill-awtorità trasferenti malajr kemm jista' jkun u dawn għandhom jikkooperaw kif meħtieġ ma' xulxin b'mod reċiproku u f'waqtu sabiex kull waħda minn dawk l-awtoritajiet tkun tista' tikkonforma mal-obbligi tagħha li jirriżultaw minn vjolazzjoni tad-*data* personali skont il-qafas legali nazzjonali tagħhom.

Il-Partijiet jintrabtu li jimplimentaw il-miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa biex jiżguraw li l-ipproċessar jkun jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

2.5. Rettifika jew tħassir

Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-awtorità trasferenti u l-awtorità destinatarja jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiżguraw minnufih ir-rettifika jew it-tħassir, kif xieraq, tad-*data* personali meta l-ipproċessar ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll, b'mod partikolari minħabba li din id-*data* ma tkunx adegwata, rilevanti, akkurata jew tkun eċċessiva fir-rigward tal-iskop tal-ipproċessar.

Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar kwalunkwe rettifika jew tħassir.

2.6. Trasparenza

Il-Partijiet iridu jiżguraw li s-suġġetti tad-*data* jiġu informati, permezz ta' notifika individwali u tal-pubblikazzjoni ta' dan il-Ftehim fuq is-siti web tagħhom, dwar il-kategoriji tad-*data* trasferita u pproċessata ulterjorment, il-mod kif tiġi pproċessata d-*data* personali, l-għodda rilevanti użata għat-trasferiment, l-iskop tal-ipproċessar, il-partijiet terzi jew il-kategoriji ta' partijiet terzi li lilhom, ulterjorment, tista' tiġi ttrasferita l-informazzjoni, id-drittijiet individwali u l-mekkaniżmi disponibbli biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u jiksbu rimedju, u d-dettalji rigward fejn jistgħu jressqu tilwima jew ilment.

2.7. Trasferiment ulterjuri

L-awtorità destinatarja għandha tittrasferixxi d-*data* personali li tasal skont dan il-Protokoll lil parti terza stabbilita f'pajjiż għajr l-Istati Membri tal-bandiera jekk dan ikun iġġustifikat minn objettiv importanti ta' interess pubbliku, rikonoxxut ukoll fil-leġiżlazzjoni applikabbli għall-awtorità trasferenti, u jekk ir-rekwiżiti l-oħra tal-Appendiċi (b'mod partikolari fir-rigward tal-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-*data*) jiġux issodisfati; u

— jekk il-pajjiż li fih tinsab il-parti terza jew li fih l-organizzazzjoni internazzjonali tibbenefika minn deċiżjoni ta' adegwatezza adottata mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) ("deċiżjoni ta' adegwatezza") li tkopri t-trasferiment ulterjuri; jew

— f'każijiet speċifiċi, meta dan it-trasferiment ikun meħtieġ biex l-awtorità trasferenti tissodisfa l-obbligi tagħha lejn l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd jew l-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd; jew

— f'każijiet eċċezzjonali u meta jkun meqjus meħtieġ, il-parti terza tintrabat li tipproċessa d-*data* biss għall-iskopijiet speċifiċi li għalihom tiġi ulterjorment ittrasferita u li tħassarha immedjatament ladarba l-ipproċessar ma jibqax meħtieġ għal dan il-għan.

3. Drittijiet tas-suġġetti tad-*data*

3.1. Aċċess għad-*data* personali

Fuq talba ta' suġġett tad-*data*, l-awtoritajiet destinatarji jridu:

— jikkonfermaw lis-suġġett tad-*data* jekk id-*data* personali dwaru hijiex qiegħda tiġi pproċessata jew le;

— jipprovdu informazzjoni dwar l-iskop tal-ipproċessar, il-kategoriji tad-*data* personali, il-perjodu ta' żmien (jekk possibbli), id-dritt li tintalab rettifika jew tħassir, id-dritt li jitressaq ilment, eċċ.;

— jipprovdu kopja tad-*data* personali;

— jipprovdu informazzjoni ġenerali dwar is-salvagwardji applikabbli.

3.2. Korrezzjoni tad-*data* personali

Fuq talba ta' suġġett tad-*data*, l-awtorità destinatarja għandha tirrettifika d-*data* personali tiegħu li ma tkunx kompluta, ma tkunx akkurata jew ma tkunx għadha valida.

3.3. Tħassir tad-*data* personali

Fuq talba ta' suġġett tad-*data*, l-awtoritajiet destinatarji jridu:

— iħassru kwalunkwe *data* personali dwaru li tkun ġiet ipproċessata b'mod li ma jkunx konformi mas-salvagwardji stabbiliti f'dan il-Protokoll;

— iħassru kwalunkwe *data* personali li tikkonċernah li ma tkunx għadha meħtieġa għall-iskopijiet li għalihom tkun ġiet ipproċessata legalment;

— iwaqqfu l-ipproċessar tad-*data* personali jekk is-suġġett tad-*data* joġġezzjona għaliha għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħu, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet leġittimi konvinċenti għall-ipproċessar li jegħlbu l-interessi, id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data*.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

3.4. Proċeduri

L-awtorità destinatarja għandha tagħti tweġiba fi żmien raġonevoli u f'waqtha, u fi kwalunkwe każ, mhux iktar tard minn xahar mit-talba, għal talba ta' suġġett tad-*data* dwar l-aċċess għad-*data* personali tiegħu, jew ir-rettifika u t-tħassir tagħha. L-awtorità destinatarja tista' tieħu miżuri xierqa, bħall-impożizzjoni ta' imposti raġonevoli biex ikopru l-kostijiet amministrattivi jew ir-rifjut tal-issodisfar ta' talba li tkun manifestament infondata jew eċċessiva.

Fil-każ ta' tweġiba negattiva għal talba ta' suġġett tad-*data*, dan irid jiġi infurmat mill-awtorità destinatarja bir-raġunijiet għar-rifjut.

3.5. Restrizzjonijiet

Id-drittijiet imsemmija hawn fuq jistgħu jkunu limitati jekk din il-limitazzjoni tkun prevista mil-liġi u tkun meħtieġa u proporzjonata f'soċjetà demokratika għall-prevenzjoni, għall-investigazzjoni, għas-sejbien u għall-prosekuzzjoni ta' reati kriminali.

Dawn id-drittijiet jistgħu jkunu limitati wkoll biex jiżguraw funzjoni ta' kontroll, ta' spezzjoni jew funzjoni regolatorja marbuta, anke kultant, mal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika.

Bl-istess kundizzjonijiet, dawn jistgħu jkunu limitati wkoll għall-protezzjoni tas-suġġett tad-*data* jew għad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

4. Rimedju u kontroll indipendenti

4.1. Kontroll indipendenti

Il-konformità tal-ipproċessar tad-*data* personali ma' dan il-Protokoll għandha tkun soġġetta għal kontroll indipendenti minn korp estern jew intern li jeżerċita kontroll indipendenti u li jkollu setgħat ta' investigazzjoni u ta' rimedju.

4.2. Awtoritajiet ta' kontroll

Għall-Unjoni, dan il-kontroll għandu jiġi eżerċitat mill-kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS, European data protection supervisor), meta l-ipproċessar jaqa' fil-kompetenza tal-Kummissjoni Ewropea, jew mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kontroll tal-protezzjoni tad-*data* tal-Unjoni, meta l-ipproċessar jaqa' fil-kompetenza tal-Istat Membru tal-bandiera, u għall-Guinea-Bissau għandu jiġi eżerċitat mill-awtorità kompetenti maħtura.

L-awtoritajiet imsemmija hawn fuq se jittrattaw b'mod effettiv u f'waqtu l-ilmenti tas-suġġetti tad-*data* rigward l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom skont dan il-Protokoll.

4.3. Dritt għal rimedju

Kull Parti għandha tiżgura li, fl-ordni legali tagħha, suġġett tad-*data* li jqis li xi awtorità ma ħarsitx is-salvagwardji stabbiliti fl-Artikolu 14 u f'dan l-Appendiċi, jew li jqis li kien hemm vjolazzjoni fir-rigward tad-*data* personali tiegħu, jista' jitlob kumpens mingħand dik l-awtorità sa fejn ikun permess mid-dispożizzjonijiet legali applikabbli quddiem qorti jew korp ekwivalenti.

B'mod partikolari, kwalunkwe lment kontra kwalunkwe awtorità jista' jiġi indirizzat lill-EDPS, fil-każ tal-Kummissjoni Ewropea, u lill-awtorità kompetenti maħtura mill-Guinea-Bissau, fil-każ tal-Guinea-Bissau. Barra minn hekk, ċerti lmenti kontra kwalunkwe awtorità jistgħu jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fil-każ tal-Kummissjoni Ewropea, u quddiem il-qrati tal-Guinea-Bissau, fil-każ tal-Guinea-Bissau.

Fil-każ ta' tilwima jew ilment ippreżentati minn suġġett tad-*data*, fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu, kontra l-awtorità trasferenti, l-awtorità destinatarja jew iż-żewġ awtoritajiet, l-awtoritajiet għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar dawn it-tilwim jew l-ilmenti u għandhom jagħmlu ħilithom biex isolvu t-tilwima jew l-ilment b'mod amikevoli kemm jista' jkun malajr.

4.4. Żvelar

Il-Partijiet għandhom iżommu lil xulxin infurmati dwar kwalunkwe ilment li jirċievu dwar l-ipproċessar tad-*data* personali skont dan il-Protokoll u dwar ir-riżoluzzjoni tiegħu.

5. Rieżami

Il-Partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar il-bidliet fil-leġiżlazzjoni tagħhom li jaffettwaw l-ipproċessar tad-*data* personali. Kull Parti għandha teżamina perjodikament il-politiki u l-proċeduri tagħha stess implimentati mill-Artikolu 14 u minn dan l-Appendiċi u, fuq talba raġonevoli ta' waħda mill-Partijiet, il-Parti l-oħra għandha teżamina l-politiki u l-proċeduri tagħha għall-ipproċessar tad-*data* personali biex tivverifika u tikkonferma l-implimentazzjoni effettiva tas-salvagwardji previsti fl-Artikolu 14 u f'dan l-Appendiċi. Ir-riżultati tal-eżaminazzjoni jiġu kkomunikati lill-Parti rikjedenti.

Jekk ikun meħtieġ, huma għandhom jaqblu fil-Kumitat Konġunt dwar kwalunkwe biddla li jenħtieġ li ssir f'dak l-Anness.

6. Sospensjoni tat-trasferiment

Il-Parti trasferenti tista' tissospendi jew ittemm it-trasferiment tad-*data* personali fejn il-Partijiet jonqsu milli jsolvu b'mod amikevoli tilwim dwar l-ipproċessar tad-*data* personali f'konformità ma' dan l-Appendiċi sakemm tqis li l-kwistjoni ġiet solvuta b'mod sodisfaċenti mill-Parti riċeventi. Id-*data* diġà ttrasferita għandha tkompli tiġi pproċessata f'konformità ma' dan l-Appendiċi.